**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0190/2021**

2.6.2021

# RAPPORT

dwar l-aspetti u l-implikazzjonijiet kummerċjali tal-COVID-19
(2020/2117(INI))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Kathleen Van Brempt

# WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................18

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ....................................................23

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.............30

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.................39

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........41

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-aspetti u l-implikazzjonijiet kummerċjali tal-COVID-19**
**(2020/2117(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2021, bit-titolu "Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva" (COM(2021)0066),

– wara li kkunsidra l-white paper tal-Kummissjoni tas-17 ta'Ġunju 2020 dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin (COM(2020)0253),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2010 bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020)0456),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Programm ta' Ħidma Aġġustat tal-Kummissjoni 2020" (COM(2020)0440) u l-ittra ta' intenzjoni tal-President von der Leyen lill-President Sassoli u lill-Kanċilliera Merkel tas-16 ta' Settembru 2020 bit-titolu "L-Istat tal-Unjoni 2020",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020, bit-titolu "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM(2020)0103),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-9 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika" (JOIN(2020)0004),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-2 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti" (JOIN(2020)0022),

– wara li kkunsidra d-dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2018 dwar ir-rispons u t-triq 'il quddiem dwar it-titjib tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE u l-pjan ta' azzjoni tagħha ta' 15-il punt dwar il-kapitoli tat-TSD,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Kummerċ għal kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment" (COM(2015)0497),

– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE[1], ta' [... Ġunju 2021] dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[2], ta' [... Ġunju 2021] bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna"[3], tal-20 ta' Mejju 2021 bit-titolu "It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej"[4], tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli[5], tal-10 ta' Marzu 2021 bit-titolu " Lejn mekkaniżmu tal-UE ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera kompatibbli mad-WTO"[6], tal-10 ta' Marzu 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar diliġenza dovuta korporattiva u obbligu ta' rendikont korporattiv[7], tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari[8], tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"[9], tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "L-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni – rapport annwali 2018"[10], tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja[11], tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[12], tat-

[1] Testi adottati, P9_TA(2020)0337.
[2] [Jekk jogħġbok żid id-data tal-adozzjoni u r-referenza TA għall-proċedura 2020/2260(INI), li hija skedata li tiġi adottata fil-plenarja ta' Ġunju 2021].
[3] [Jekk jogħġbok żid id-data tal-adozzjoni u r-referenza TA għall-proċedura 2020/2273(INI), li hija skedata li tiġi adottata fil-plenarja ta' Ġunju 2021].
[4] Testi adottati, P9_TA(2021)0261.
[5] Testi adottati, P9_TA(2021)0109.
[6] Testi adottati, P9_TA(2021)0071.
[7] Testi adottati, P9_TA(2021)0073.
[8] Testi adottati, P9_TA(2021)0040.
[9] Testi adottati, P9_TA(2020)0321.
[10] Testi adottati, P9_TA(2020)0252.
[11] Testi adottati, P9_TA(2020)0212.
[12] Testi adottati, P9_TA(2019)0078.

12 ta' Diċembru 2017 bit-titolu "Lejn strateġija għall-kummerċ diġitali"[13], u tal-5 ta' Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investiment[14],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tiegħu tal-15 ta' April 2020 dwar ir-rapport bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0190/2021),

A. billi l-COVID-19 ikkawżat pandemija globali, li wasslet għal kriżi tas-saħħa, ekonomika, soċjali u umanitarja bla preċedent f'livell globali, li ħolqot konġestjonijiet u tfixkil fuq skala bla preċedent għall-kummerċ internazzjonali, u b'hekk dan naqas b'mod qawwi hekk kif il-virus infirex, filwaqt li naqsu ferm il-produzzjoni u l-impjiegi globali, naqas il-livell ta' investiment dirett barrani (IDB), u żdiedu t-tensjonijiet ġeopolitiċi;

B. billi l-pandemija evidenzjat vulnerabbiltajiet strateġiċi fl-UE u fil-ktajjen tal-provvista globali, inkluż għal materja prima kritika, u oġġetti mediċi essenzjali bħat-tagħmir protettiv personali u l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi, u enfasizzat il-ħtieġa ta' reżiljenza u diversifikazzjoni msaħħa fil-livell globali, reġjonali u lokali;

C. billi t-tifqigħa tal-COVID-19 kompliet iżżid l-inugwaljanzi u żiedet it-tħassib fost iċ-ċittadini dwar it-telf ta' impjiegi f'ċerti setturi, in-natura tax-xogħol li qed tinbidel u l-pressjoni fuq il-pagi u d-drittijiet tal-ħaddiema; billi dawn il-problemi jridu jiġu indirizzati sabiex jinżamm l-appoġġ pubbliku għall-kummerċ globali;

D. billi huwa possibbli li t-tifqigħa tal-COVID-19 toħloq xkiel fil-ġlieda dinjija kontra t-tibdil fil-klima, iżda neħtieġu azzjoni u kooperazzjoni globali biex niżviluppaw politiki u nintegraw l-azzjoni klimatika fil-politika interna u esterna, peress li l-vaċċini waħedhom mhux se jkunu biżżejjed biex nindirizzaw il-kriżi soċjali, ambjentali u ekonomika kkawżata mill-COVID-19;

E. billi għalkemm l-Unjoni Ewropea naqqset b'mod sostanzjali l-emissjonijiet interni tagħha ta' gassijiet serra, dawk inkorporati fl-importazzjonijiet qed jiżdiedu b'mod kostanti, u b'hekk jikkompromettu l-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-impronta globali tagħha ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra;

F. billi l-kummerċ internazzjonali fl-oġġetti u s-servizzi huwa mistenni jiżdied bi 8,4 % fl-2022 skont l-istimi tal-Fond Monetarju Internazzjonali[15] u l-politika kummerċjali jrid

[13] ĠU C 369, 11.10.2018, p. 22.
[14] ĠU C 101, 16.3.2018, p. 30.
[15] Fond Monetarju Internazzjonali, *World Economic Outlook: Managing Divergent Recoveries*, April 2021.

ikollha rwol sħiħ fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19; billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali trid tiġi kkomplementata bi djalogu kontinwu u trasparenza mal-Parlament Ewropew, li se jkollu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll bi strateġija biex jiżdiedu r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-UE, inklużi miżuri u strumenti ta' politika mfassla apposta fil-qasam tal-produzzjoni nazzjonali, l-esternalizzazzjoni lejn pajjiżi fil-qrib, id-diversifikazzjoni tal-forni turi u l-kumulazzjoni ta' riżervi;

G. billi l-UE, bħala l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja u bin-network estensiv tagħha ta' ftehimiet kummerċjali, hija l-akbar attur fix-xena kummerċjali dinjija u tinsab f'pożizzjoni unika biex tikkoopera globalment, tmexxi l-implimentazzjoni tal-istandards, il-valuri u l-oqfsa ta' sostenibbiltà tal-UE fil-pajjiżi sħab, u tiżgura l-irkupru sostenibbli tal-ekonomija dinjija, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi;

H. billi d-diviżjonijiet fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-ħtieġa urġenti ta' riforma tagħha kkumplikaw l-isforzi koordinati biex il-ktajjen tal-provvista globali jinżammu miftuħa, u l-prijorità issa trid tkun li terġa' tinbena l-fiduċja fl-istituzzjonijiet multilaterali bħala entitajiet li kapaċi jagħtu tweġibiet globali, billi jsir progress malajr fid-diskussjonijiet dwar l-inizjattiva tad-WTO rigward il-kummerċ u s-saħħa;

I. billi huwa importanti li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn id-WTO u korpi internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-istituzzjonijiet tan-NU u l-Bank Dinji, sabiex il-kriżi tiġi indirizzata b'mod komprensiv, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-implikazzjonijiet ekonomiċi u tas-saħħa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

***Ktajjen tal-valur ġusti, reżiljenti u ekoloġiċi***

1. Jisħaq li l-politika kummerċjali tinsab f'salib it-toroq; jinnota li r-realtà ġeopolitika nbidlet u jisħaq li l-UE għad trid issib il-pożizzjoni tagħha f'dan l-ambjent ġdid; huwa konvint li l-COVID-19 saħħet il-ħtieġa ta' rieżami bir-reqqa tal-politika kummerċjali tal-UE; jisħaq li l-Parlament lest jikkontribwixxi attivament għar-Rieżami tal-Politika Kummerċjali;

2. Jisħaq fuq l-importanza ta' ktajjen tal-valur ġusti, reżiljenti u sostenibbli li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-istandards ambjentali; ifakkar li d-diliġenza dovuta obbligatorja fil-ktajjen tal-provvista kollha għandha tkun strument biex dan jinkiseb; jisħaq li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-pożizzjoni vulnerabbli tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) fl-UE u speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, peress li l-kumpaniji l-kbar għandhom probabbiltajiet akbar li jegħlbu xokkijiet eżoġeni; jisħaq fuq l-importanza li tintuża prospettiva strateġika biex jiżdiedu t-tħejjija u r-reżiljenza tal-UE u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal kwalunkwe xokk u kriżi tas-saħħa fil-futur, inkluż għall-ħolqien ta' mutazzjonijiet ġodda ta' mard u pandemiji futuri, bil-għan li jiġu żviluppati strateġiji u reazzjonijiet li jibqgħu validi fil-futur; jirrimarka li pilastru fundamentali ta' strateġija sostenibbli tal-UE għall-ktajjen tal-provvista jkun li l-kumpaniji li jkunu sostanzjalment esposti għall-ktajjen tal-provvista internazzjonali jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rappurtar legalment vinkolanti fil-kuntest tar-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju[16];

3. Jitlob lill-UE tiżgura li l-kummerċ jaħdem ukoll għal min huwa ekonomikament żvantaġġat; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-azzjonijiet speċifiċi għall-promozzjoni ta' "skemi ta' kummerċ ġust u etiku" li l-Kummissjoni impenjat ruħha dwarhom fl-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd" saru saħansitra aktar rilevanti fiċ-ċirkostanzi attwali peress li inizjattivi ta' kummerċ ġust minn isfel għal fuq jistgħu jiżguraw li l-kummerċ ikun ta' benefiċċju għall-atturi ekonomikament żvantaġġati fil-katina tal-provvista; jenfasizza l-importanza ta' ordnijiet prevedibbli fit-tul u jieħu nota tal-iskemi ta' ordnijiet ta' suċċess ta' dik in-natura fis-settur tal-kummerċ ġust;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi ta' kummerċ ġust permezz ta' programmi tal-UE li jinvolvu liż-żgħażagħ u lis-settur privat, fl-azzjoni esterna inġenerali, fl-implimentazzjoni tal-kapitoli tat-TSD, permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE, u billi tippremja l-aħjar prattiki u tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, is-soċjetà ċivili, l-iskejjel u l-universitajiet fl-UE, inkluż permezz tal-estensjoni tal-"Premju Bliet tal-UE għal Kummerċ Ġust u Etiku" għall-iskejjel u l-universitajiet u t-twaqqif ta' ġimgħa annwali tal-kummerċ ġust ospitata fi Brussell mill-Kummissjoni; jitlob b'insistenza li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-appoġġ għal inizjattivi ta' kummerċ ġust mill-UE u l-Istati Membri;

5. Jinnota li l-ktajjen tal-valur globali spiss jinvolvu effetti asimmetriċi, inkluż għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, distribuzzjoni mhux uniformi tar-riskji, u jħallu impatt negattiv sproporzjonat fuq in-nisa; jiddeplora l-fatt li matul il-pandemija din id-distribuzzjoni mhux uniformi wasslet biex xi negozji Ewropej jitfgħu l-kostijiet ta' domanda aktar baxxa fuq il-ktajjen tal-provvista tagħhom, inkluż fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jikkanċellaw ordnijiet li kienu diġà ġew prodotti u f'xi każijiet saħansitra mibgħuta; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha mal-Istati Membri, il-gvernijiet lokali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili biex tinkiseb distribuzzjoni aktar ġusta tal-impatti negattivi u tar-riskji fil-ktajjen tal-provvista kollha; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti konkreti wara l-wegħda tagħha ta' "tolleranza żero għat-tħaddim tat-tfal" qabel tmiem l-2021, li n-NU ddikjaraw bħala s-Sena Internazzjonali għall-Eradikazzjoni tat-Tħaddim tat-Tfal;

6. Jisħaq li l-katina tal-valur tat-turiżmu hija waħda mill-ekosistemi industrijali ewlenin tal-Ewropa; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-ktajjen tal-provvista u t-tfixkil ikkawżat mill-kriżi tal-COVID-19, setturi relatati mat-turiżmu bħal dak tal-ospitalità, kif ukoll industriji ewlenin oħra (l-industrija ajrunawtika, awtomobilistika, tal-azzar, tal-bini tal-bastimenti u tal-baħar), qed ibatu minn kollass kummerċjali u ekonomiku;

7. Jisħaq li huma meħtieġa regoli effettivi li jiżguraw kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi għan-negozji Ewropej, kemm fis-suq intern kif ukoll fis-swieq ta' pajjiżi terzi, biex jiggarantixxu relazzjonijiet kummerċjali ta' benefiċċju reċiproku mas-sħab internazzjonali u jipproteġu s-suq uniku minn strateġiji ta' investiment aggressivi minn atturi mhux tal-UE li qed jippruvaw jieħdu vantaġġ mill-kriżi attwali; jenfasizza l-importanza tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ f'dan ir-rigward; jissottolinja li r-regolament dwar l-infurzar għandu jkollu kontribut pożittiv għall-għan li jiġu żgurati

[16] Id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1).

kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi, u jisħaq li l-kapitoli tat-TSD huma parti integrali mill-politika kummerċjali;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tikkompleta malajr is-sett ta' għodod għad-difiża tal-kummerċ tal-UE fl-2021 permezz ta' proposti leġiżlattivi appoġġati minn valutazzjonijiet tal-impatt, filwaqt li tagħti prijorità lil strument kontra l-koerċizzjoni, strument biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin u intrapriżi tal-istat, u l-konklużjoni ta' negozjati dwar l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali; jirrimarka dwar l-effett koerċittiv ta' sanzjonijiet ekstraterritorjali minn pajjiżi terzi u l-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tal-istrumenti finanzjarji minn tali miżuri; jinnota l-importanza tal-intervent finanzjarju pubbliku matul il-pandemija tal-COVID-19;

9. Huwa konvint li l-aċċess miftuħ għandu jimxi id f'id mas-salvagwardja tas-setturi strateġiċi tagħna u għandu jkun marbut mill-qrib ma' politika industrijali ambizzjuża u li tħares 'il quddiem f'konformità mal-Patt Ekoloġiku u l-istrateġija diġitali, li jista' jżid il-kapaċitajiet tal-UE li tiflaħ għal xokkijiet futuri fis-setturi strateġiċi, jagħti spinta lill-irkupru ekonomiku u jiżgura l-kompetittività tan-negozji Ewropej, filwaqt li joħloq impjiegi ta' kwalità u jiżgura li l-Ewropa jkollha rwol kruċjali fil-produzzjoni ta' prodotti innovattivi u servizzi futuri;

10. Jemmen li d-diversifikazzjoni u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista għandhom ikunu prijorità ewlenija għall-politika kummerċjali riveduta tal-UE; jenfasizza l-akkoppjament tal-interessi kummerċjali u tas-sigurtà u jappella għat-tisħiħ u l-infurzar proporzjonali tal-iskrinjar tal-investiment dirett barrani, biex b'hekk jiġu kkomplementati u appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw tali skrinjar biex jissalvagwardjaw is-setturi strateġiċi Ewropej, u jiġi evitat l-istabbiliment ta' dipendenzi ekonomiċi detrimentali u li jistgħu jiġu sfruttati minn atturi mhux tal-UE;

11. Huwa konvint li l-UE hija dipendenti wisq minn għadd limitat ta' fornituri għal ċerta materja prima, oġġetti u servizzi kritiċi, speċjalment prodotti mediċi u farmaċewtiċi, u li dan idgħajjef l-awtonomija strateġika u l-objettivi ġeopolitiċi tagħha; jinsisti li l-UE għandha tegħleb dawn id-dipendenzi mhux mixtieqa permezz ta' taħlita orizzontali ta' politiki li jinċentivaw lill-kumpaniji biex jakkumulaw riżervi, iżidu l-manifattura, jiddiversifikaw l-istrateġiji ta' akkwist u, meta jkun meħtieġ, jippromwovu l-esternalizzazzjoni lejn pajjiżi fil-qrib u r-rilokalizzazzjoni, li jistgħu joħolqu opportunitajiet kummerċjali ġodda għas-sħab fil-Viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar u jridu jkunu akkumpanjati minn approssimazzjoni regolatorja f'setturi strateġiċi;

12. Jisħaq fuq ir-riskji għall-ktajjen tal-provvista kritiċi li ħarġu fid-dieher bil-kriżi tal-COVID-19 u jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-provvista tal-UE fl-istrateġija industrijali li jmiss tagħha, filwaqt li tidentifika liema ktajjen tal-provvista jistgħu jibbenefikaw minn reżiljenza akbar permezz tad-diversifikazzjoni tal-provvista, ir-rilokalizzazzjoni u l-kumulazzjoni ta' riżervi; jemmen, madankollu, li l-kumpaniji għandhom finalment jiddeċiedu għalihom infushom kif jimmaniġġjaw il-ktajjen tal-provvista globali tagħhom;

13. Jirrimarka li l-Kummissjoni għandha tippromwovi ekonomija ċirkolari fuq livell globali u jissottolinja r-rwol li l-ftehimiet kummerċjali għandu jkollhom fit-tisħiħ tal-objettivi

tal-ekonomija ċirkolari, fid-diversifikazzjoni tal-provvista u fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali miftuħa għall-oġġetti u s-servizzi kritiċi, u li t-tqassir jew il-modifika tal-ktajjen tal-provvista għall-viċinat tal-UE u l-Afrika jista' jkollhom effett pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, ekoloġiku, inklużiv u reżiljenti tagħhom, kif ukoll għall-interessi strateġiċi tal-UE;

14. Jinnota li l-ktajjen tal-provvista agroalimentari tal-UE baqgħu operattivi matul il-pandemija iżda jiddeplora l-fatt li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-ostakli għall-kummerċ ikkawżaw bosta interruzzjonijiet fihom; jinnota li s-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS), li tlaqqa' lill-pajjiżi kummerċjali ewlenin tal-komoditajiet agrikoli bil-għan li ttejjeb it-trasparenza tas-suq tal-ikel u r-rispons politiku għas-sigurtà tal-ikel, tista' titqies bħala eżempju ta' prattika tajba; jistieden lill-Kummissjoni tesplora jekk dan il-mudell jistax jintuża wkoll fi ktajjen oħra tal-valur; jappoġġa azzjonijiet li jiffaċilitaw il-kummerċ meħuda biex jippromwovu l-istandards tas-sikurezza tal-ikel u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS) b'reazzjoni għall-COVID-19; jinnota li skont il-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) tan-NU, bil-COVID-19 l-għadd ta' persuni f'riskju ta' skarsezzi akuti tal-ikel fl-2020 f'pajjiżi bi dħul baxx u medju issa huwa ta' 265 miljun, ċifra li żdiedet b'130 miljun meta mqabbla mal-2019; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tesplora f'kooperazzjoni man-NU l-aktar miżuri xierqa biex tiżgura li din il-pandemija ma twassalx għal kriżi tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġija kummerċjali diġitali li żżid l-aċċess għas-suq tal-impriżi Ewropej, issaħħaħ l-infrastruttura diġitali, tarmonizza l-oqfsa regolatorji, timmodernizza l-għodod kummerċjali u doganali, u tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fl-ambitu tal-GDPR[17];

16. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjonijiet bir-reqqa dwar jekk il-klawżola mudell il-ġdida tal-UE dwar il-flussi tad-data hijiex se tippreserva l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-privatezza tal-Ewropej f'każ ta' tilwima ma' sieħeb kummerċjali; jisħaq li miżuri eżistenti u futuri li jipproteġu d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali ma jridux jiġu mminati minn ftehimiet kummerċjali internazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-impenji rilevanti ta' pajjiżi terzi meta tivvaluta l-adegwatezza tagħhom, inkluż għat-trasferimenti suċċessivi ta' data;

17. Jissottolinja l-aċċellerazzjoni tar-rivoluzzjoni diġitali minħabba l-COVID-19 u jirrikonoxxi l-importanza li l-UE tieħu l-inizjattiva fl-istabbiliment ta' standards għal ekonomija globali sostenibbli u mmexxija diġitalment u li żżomm il-flussi internazzjonali tad-data miftuħin sabiex tegħleb malajr firxa ta' ostakli għall-kummerċ u konġestjonijiet; jissottolinja li l-UE tista' tistabbilixxi standard globali għal kummerċ diġitali ġust u reżiljenti fl-impenji bilaterali u multilaterali tagħha u f'negozjati plurilaterali dwar il-kummerċ elettroniku u l-faċilitazzjoni tal-investiment; jissottolinja li l-kapitolu diġitali fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jista' jservi bħala mudell għal ftehimiet kummerċjali futuri;

18. Jitlob li jiġu pprovduti inċentivi, inkluż permezz ta' dispożizzjonijiet ġuridiċi mfassla

[17] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

apposta dwar l-għajnuna mill-Istat, biex in-negozji tal-UE jagħmlu l-ktajjen tal-valur tagħhom aktar sostenibbli u biex iqassru jew jaġġustaw il-ktajjen tal-provvista tagħhom meta dan jista' jkun ta' benefiċċju għall-ekonomija, ir-reżiljenza, l-objettivi ġeopolitiċi u/jew l-awtonomija strateġika tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi esterni jiġu kompletament internalizzati fil-prezz f'konformità mal-politiki tal-UE bħall-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u t-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja;

19. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa kif u sa liema punt qed isiru trasferimenti ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela mill-UE lejn stati awtoritarji permezz ta' flussi kummerċjali u ta' investiment; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri ġodda biex tali trasferimenti jiġu limitati, inkluża l-kooperazzjoni tal-ktajjen tal-provvista ma' sħab tal-istess fehma; jitlob li jinbeda djalogu dwar is-semikondutturi mat-Tajwan;

***Il-politika kummerċjali għall-prodotti tas-saħħa kritiċi: it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19***

20. Jissottolinja li l-governanza tal-kummerċ internazzjonali, li tagħti prijorità lill-kooperazzjoni internazzjonali u mhux lill-kompetizzjoni, għandha rwol essenzjali fl-iżvilupp rapidu ta' trattamenti mediċi u vaċċini, iż-żieda rapida tal-produzzjoni, l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur globali reżiljenti u l-aċċess ekwu għas-suq globali, u, f'dan il-kuntest, jissottolinja li l-pandemija attwali għandha tipprovdi impetu għal kooperazzjoni internazzjonali msaħħa u tħejjija globali għal emerġenzi tas-saħħa, li jeħtieġu impenn ulterjuri mill-UE u l-Istati Membri biex jaġixxu flimkien bħala "Tim Ewropa"; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi relatati mal-kummerċ tal-pandemiji u ż-żoonożijiet, bħall-impatt tal-kummerċ fuq id-degradazzjoni tal-bijosfera;

21. Jilqa' l-proposta minn diversi mexxejja ta' gvern għal trattat internazzjonali dwar ir-rispons għall-pandemija u jitlob li dan jinkludi pilastru kummerċjali b'saħħtu; jissottolinja li l-qafas tal-kummerċ internazzjonali jrid irawwem il-kooperazzjoni u jistabbilixxi mekkaniżmi kemm strutturali kif ukoll ta' rispons rapidu biex jgħin lill-gvernijiet jegħlbu l-isfidi assoċjati mal-emerġenzi tas-saħħa; jissottolinja li tali arranġamenti għandhom jinkludu, minn naħa waħda, approċċ "min-naħa tad-domanda" orjentat lejn il-ħtiġijiet li jipprovdi finanzjament konġunt u xiri bil-quddiem ikkoordinat globalment u, min-naħa l-oħra, strateġija integrata "min-naħa tal-provvista" biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tul il-katina tal-valur kollha; isostni li jeħtieġ li jsir progress fl-oqsma tat-trasparenza dwar l-istokkijiet disponibbli, in-networks tal-provvista globali, il-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-ipprezzar ta' prodotti essenzjali tas-saħħa, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' eċċezzjonijiet għas-sigurtà tas-saħħa pubblika fil-qafas tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI), iż-żieda fil-mobbiltà globali tas-servizzi essenzjali, il-protezzjoni u t-trawwim tar-reżiljenza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-iżvilupp ta' approċċ intersezzjonali biex jiġi indirizzat l-impatt negattiv tal-kriżijiet tas-saħħa fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-ugwaljanza fid-dħul u l-pożizzjoni tal-minoranzi;

22. Jappella għall-istabbiliment ta' Kumitat ġdid għall-Kummerċ u s-Saħħa fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO sabiex iħejji linji gwida dwar kif il-gvernijiet jistgħu jimplimentaw l-eċċezzjonijiet u l-flessibbiltajiet eżistenti fil-liġi internazzjonali

tal-kummerċ sabiex tiżdied is-sigurtà tas-saħħa pubblika, u liema mekkaniżmi jridu jkunu fis-seħħ biex itejbu r-rispons globali għall-emerġenzi tas-saħħa u biex iwittu t-triq għal pilastru kummerċjali għan-negozjati dwar trattat internazzjonali futur dwar ir-rispons għall-pandemija;

23. Jisħaq li l-ktajjen tal-provvista globali għall-materja prima u l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-vaċċini jridu jibbenefikaw minn relazzjonijiet kummerċjali miftuħa; jissottolinja li l-protezzjoniżmu fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-vaċċini jista' jfixkel ir-rispons għall-pandemija globali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-effetti detrimentali ta' miżuri unilaterali bħar-restrizzjonijiet u l-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, in-nuqqas ta' trasparenza tal-istokkijiet globali u l-ispekulazzjoni sussegwenti fil-prezzijiet fir-rigward ta' oġġetti essenzjali skarsi, mhux l-inqas għall-pajjiżi bi dħul baxx jew medju; jitlob, għalhekk, lill-UE tinkoraġġixxi l-adozzjoni tal-inizjattiva tad-WTO dwar il-kummerċ u s-saħħa sa tmiem l-2021, tinkoraġġixxi kooperazzjoni globali aktar b'saħħitha u tkun ħafna aktar eżiġenti fir-rigward tat-trasparenza tal-provvista, il-produzzjoni u l-kost tal-prodotti mediċi, ir-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa globali, u prodotti u servizzi mediċi aċċessibbli u affordabbli; jitlob lill-UE tiżgura li l-ftehimiet futuri ta' xiri bil-quddiem jiġu żvelati kompletament, b'mod partikolari għall-vaċċini tal-ġenerazzjoni li jmiss;

24. Jitlob lill-UE tintegra l-impenji fir-rigward tas-sigrieti tal-mestier, id-data proprjetarja u t-trasferimenti tat-teknoloġija, u titlob b'insistenza t-trasparenza meħtieġa mill-fornituri, inkluża analiżi tal-kostijiet u l-profitti għal kull prodott;

25. Huwa mħasseb, għalhekk, dwar iż-żieda ġdida fir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-vaċċini mill-pajjiżi ewlenin tal-manifattura bħall-Istati Uniti, ir-Renju Unit, iċ-Ċina u l-Indja u, f'livell aktar baxx, l-UE u jenfasizza li dan jista' jipperikola ż-żieda globali rapida fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-vaċċini, ifixkel il-ktajjen tal-produzzjoni u jwassal għal ritaljazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkollabora mal-pajjiżi produtturi biex telimina malajr l-ostakli għall-esportazzjoni; jafferma mill-ġdid li l-mekkaniżmu tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni tal-UE huwa miżura temporanja, li għandha tintuża biss bħala l-aħħar għażla, u għandu jevolvi f'mekkaniżmu ta' trasparenza; jinsisti li jingħata aċċess f'waqtu u komprensiv għal tali data; jenfasizza li aktar trasparenza żiedet il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fid-distribuzzjoni tal-vaċċini tal-UE u fil-ġestjoni tal-pandemija tal-COVID-19;

26. Huwa mħasseb ferm dwar in-numru li qed jiżdied ta' varjanti tal-COVID-19; jenfasizza li n-nuqqas ta' produzzjoni u distribuzzjoni ta' vaċċini f'pajjiżi terzi jista' jwassal għal żieda ta' tipi ġodda u differenti ta' varjanti; jirrikonoxxi li l-UE hija wieħed mill-akbar esportaturi ta' vaċċini lejn pajjiżi terzi, iżda li f'termini assoluti, dawn l-esportazzjonijiet għadhom mhumiex biżżejjed biex tiġi indirizzata l-pandemija globali; jisħaq li l-Faċilità COVAX bħalissa mhijiex kapaċi tqassam il-vaċċini lill-persuni l-aktar vulnerabbli skont id-domanda; jissottolinja li l-aċċess globali f'waqtu għall-vaċċini jista' jkun ta' benefiċċju għall-irkupru u r-reżiljenza tal-ekonomija globali, kif ukoll tal-ekonomija tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi diplomazija effettiva dwar il-vaċċini u l-provvisti mediċi biex issaħħaħ il-kredibbiltà u l-viżibbiltà diplomatika tal-UE u jappella għal aktar sforzi internazzjonali biex jitħaffef il-forniment tal-vaċċini lill-COVAX;

27. Jissottolinja li l-vaċċini kontra l-COVID-19 u l-varjanti tagħha għandhom ikunu ben

pubbliku globali u li l-isforzi multilaterali urġenti għandhom ikunu ffukati fuq id-distribuzzjoni ekwa tal-vaċċini madwar id-dinja kollha, iż-żieda rapida tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni globali, u l-istabbiliment ta' sħubijiet u trasferimenti tat-teknoloġija effettivi, inkluż f'pajjiżi bi dħul baxx u medju; jenfasizza li, abbażi tat-tagħlimiet meħuda, huwa kruċjali li jkomplu jittejbu l-oqfsa ta' sħubija pubblika-privata wara l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vaċċini u teknoloġiji essenzjali oħra tas-saħħa; jilqa' s-Summit Globali dwar il-Ktajjen tal-Provvista u l-Manifattura tal-Vaċċini Kontra s-C19 li sar fit-8 u d-9 ta' Marzu 2021 u jitlob li jiġu stabbiliti pjattaformi strutturali biex tiżdied malajr il-produzzjoni tal-vaċċini f'aktar pajjiżi, li jistgħu jieħdu l-forma ta' punt ċentrali ta' koordinament tas-sħubijiet pubbliċi-privati li jlaqqa' l-partijiet privati u pubbliċi biex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti u jikbru s-sħubijiet, jiġu mmonitorjati l-konġestjonijiet, u jiġu identifikati miżuri li jappoġġaw il-manifattura u l-użu tal-vaċċini; jissottolinja l-isforzi li saru mid-Direttur Ġenerali tad-WTO biex jinvolvi l-membri fid-diskussjoni dwar l-inizjattivi rigward il-kummerċ u s-saħħa;

28. Jenfasizza li l-politika kummerċjali internazzjonali jrid ikollha rwol proattiv f'dan l-isforz billi tiffaċilita l-kummerċ tal-materja prima, ittaffi n-nuqqas ta' persunal kwalifikat u ta' esperjenza, issolvi l-problemi fil-ktajjen tal-provvista u terġa' tikkunsidra l-qafas globali għad-DPI għal pandemiji futuri; jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq djalogu kostruttiv dwar deroga temporanja tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi ma jħabbtux wiċċhom ma' ritaljazzjoni minħabba ksur tal-privattivi relatat mal-COVID-19 matul il-pandemija;

29. Jissottolinja li r-riċerkaturi u l-industrija għamlu sforz kbir fl-iżvilupp ta' dijanjożijiet, trattamenti u vaċċini ġodda għall-COVID-19; jenfasizza r-rwol ewlieni tar-riżorsi tas-settur pubbliku, li ppermettew lill-kumpaniji farmaċewtiċi jneħħu r-riskju mill-katina tal-valur kollha tal-vaċċini permezz ta' finanzjament u sussidji kbar għar-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll permezz ta' ftehimiet ta' xiri bil-quddiem fuq skala kbira; jissottolinja wkoll il-kontribut fundamentali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, il-pazjenti, is-superstiti tal-COVID-19 u l-pubbliku ġenerali li pparteċipaw fi provi kliniċi u f'attivitajiet oħra relatati ta' riċerka u żvilupp dwar prodotti terapewtiċi u vaċċini differenti; iqis li qafas legali multilaterali tad-DPI jista' jipprovdi protezzjonijiet u inċentivi li huma kritiċi għat-tħejjija kontra pandemiji futuri u jirrikonoxxi r-rwol tiegħu fil-faċilitazzjoni tal-kollaborazzjoni wiesgħa u bla preċedent fost il-gvernijiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-kumpaniji farmaċewtiċi;

30. Jenfasizza l-importanza kritika ta' kondiviżjoni tat-teknoloġija miftuħa, tal-għarfien espert u tar-riċerka għal rispons effettiv għall-pandemija u tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-kumpaniji farmaċewtiċi f'inizjattivi multilaterali bħas-C-TAP (Pul ta' Aċċess għat-Teknoloġija tal-COVID-19) u ċ-Ċentru ta' Trasferiment tat-Teknoloġija tad-WHO li għadu kif ġie stabbilit sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom;

***Kummerċ u żvilupp sostenibbli***

31. Jappoġġa l-integrazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija Diġitali Ewropea fil-komunikazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali (TPR) u jappella għal politika kummerċjali assertiva bl-għan tal-multilateraliżmu, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà f'konformità mal-impenn tal-UE li timplimenta l-SDGs tan-NU; jappella

għal pjan ta' azzjoni, pjan direzzjonali u skeda ta' żmien konkreti biex din l-ambizzjoni ssir realtà; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, timpenja ruħha mas-sħab biex taġġorna l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment eżistenti billi tuża l-klawżoli ta' rieżami tagħhom;

32. Jilqa' l-inkorporazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi bħala element essenzjali f'kull ftehim kummerċjali, ta' investiment u ta' sħubija futur; jisħaq li r-ratifika tal-konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma rekwiżiti għall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs); jistieden lill-Unjoni tikkollabora ma' sħab kummerċjali futuri u eżistenti biex tirratifika u timplimenta b'mod effettiv konvenzjonijiet tal-ILO u ftehimiet ambjentali multilaterali pendenti oħra meta teżamina mill-ġdid u tinnegozja ftehimiet; jitlob li, f'kull ftehim kummerċjali, jiġu inklużi kapitoli ambizzjużi dwar il-ġeneru, l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-SMEs, kif ukoll kapitoli dedikati dwar il-kummerċ diġitali;

33. Jissottolinja li l-irkupru ta' wara l-COVID-19 huwa opportunità unika biex tiġi stabbilita l-aġenda biex jitħeġġeġ it-tkabbir sostenibbli; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tħaffef ir-rieżami tagħha tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt dwar il-kapitoli dwar it-TSD fl-2021 sabiex ikun jista' jiġi implimentat fin-negozjati li għaddejjin; jistenna li r-rieżami jindirizza l-infurzabbiltà u jfakkar, f'dan ir-rigward, fid-dokument informali min-Netherlands u Franza dwar il-kummerċ, l-effetti ekonomiċi soċjali u l-iżvilupp sostenibbli[18]; jissuġġerixxi li, bħala minimu, l-avvanzi reċenti fl-infurzabbiltà tal-politika kummerċjali tal-UE għandhom jitqiesu, b'mod partikolari l-kapaċità li jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mis-sħab permezz ta' sanzjonijiet unilaterali bħala l-aħħar rimedju, bħall-introduzzjoni ta' tariffi jew kwoti fuq ċerti prodotti jew is-sospensjoni trażversali ta' partijiet oħra ta' ftehim;

34. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex fil-kapitoli dwar it-TSD u dwar l-agrikoltura jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali, il-kummerċ ġust u l-ekonomija ċirkolari; jenfasizza r-rwol tal-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ f'dan ir-rigward u jappella għal kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonali fil-monitoraġġ u l-iskrutinju tal-infurzar tat-TSD; jistieden lill-Kummissjoni tislet mit-tagħlimiet meħuda mill-panel reċenti ta' esperti sabiex il-kapitoli tat-TSD jinkludu pjan direzzjonali b'impenji konkreti u verifikabbli;

35. Jiddispjaċih li l-prodotti kannella għadhom jirċievu trattament preferenzjali fuq prodotti ekoloġiċi u li t-tariffi u l-ostakli għall-kummerċ qed jaħdmu kontra l-kummerċ sostenibbli; jissottolinja li t-tneħħija tat-tariffi u tal-ostakli għall-kummerċ għal prodotti u servizzi ekoloġiċi għandha titfassal f'konformità mar-regoli tad-WTO sabiex tikkontribwixxi għal soluzzjonijiet innovattivi biex tiġi indirizzata l-kriżi klimatika u tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku, kif ukoll l-SDGs u l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja; jitlob li l-Kummissjoni tesplora strumenti biex tindirizza dawn id-distorsjonijiet u tagħti l-eżempju ta' dak li qed tgħid dwar il-Patt Ekoloġiku billi timplimentah fl-aspetti kollha tal-politika kummerċjali;

[18] *Aċċessat f'"the Netherlands at International Organisations (in-Netherlands fl-Organizzazzjonijiet Internazzjonali) (permanentrepresentations.nl). Dokument informali min-Netherlands u Franza dwar il-kummerċ, l-effetti ekonomiċi soċjali u l-iżvilupp sostenibbli".*

36. Jirrimarka li l-ispejjeż inizjali għoljin, li jistgħu jitħallsu lura biss maż-żmien, u nuqqas ta' għarfien u tagħmir, qegħdin bħalissa jfixklu jew inaqqsu l-pass tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom; jitlob b'insistenza li l-Kummissjoni tuża l-istrumenti kummerċjali u l-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex iżżid l-appoġġ finanzjarju, l-assistenza teknika, it-trasferimenti tat-teknoloġija, il-bini tal-kapaċità u d-diġitalizzazzjoni sabiex tagħti s-setgħa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tippermettilhom jiksbu reżiljenza sostenibbli u jimplimentaw aħjar id-diliġenza dovuta mal-katina tal-provvista sħiħa;

37. Jitlob lill-UE tieħu rwol ewlieni fi ħdan il-qafas multilaterali biex tinvolvi ruħha ma' pajjiżi u sħab kummerċjali tal-istess fehma fl-insegwiment ta' aġenda ambjentali b'saħħitha, inkluż l-iżvilupp progressiv tad-dixxiplini, biex jintemmu kemm is-sussidji li jfixklu s-suq kif ukoll dawk li jagħmlu ħsara lill-ambjent fil-ftehimiet kummerċjali u fid-WTO, inklużi d-dixxiplini dwar is-sussidji għall-fjuwils fossili, filwaqt li tibni fuq il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

38. Jisħaq fuq l-importanza li jitfasslu valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà fuq bażi *ex ante*, intermedja u *ex post*, skont skeda ta' żmien konkreta, li jiġu indirizzati r-riskji possibbli kmieni kemm jista' jkun, u, jekk evalwazzjonijiet *ex post* juru li dan ikun meħtieġ, li jiġu indirizzati l-impatti negattivi; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament b'mod regolari dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà li għaddejjin u li ġew iffinalizzati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas komprensiv b'miri konkreti biex jitmexxew 'il quddiem l-SDGs, il-Patt Ekoloġiku u l-Aġenda għal Xogħol Deċenti tal-ILO fi ftehimiet kummerċjali u ta' investiment; jenfasizza li l-ftehimiet il-ġodda għandhom jiġu konklużi biss ladarba dawn il-miri jkunu ntlaħqu u li l-ftehimiet eżistenti għandhom jiġu riveduti skont dan;

39. Jenfasizza li t-trasparenza, id-djalogu u l-komunikazzjoni tajba maċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati huma kruċjali għall-ħolqien ta' appoġġ għall-politika kummerċjali u l-isfruttar tal-benefiċċji tagħha; jilqa', għalhekk, il-gateway Access2Markets u l-isforzi tal-Kummissjoni fil-promozzjoni ta' din l-għodda; jinsisti li r-rwol u r-responsabbiltajiet tas-soċjetà ċivili u tal-gruppi konsultattivi domestiċi (DAGs), li r-rwol ta' monitoraġġ tagħhom jista' jiġi aktar estiż, iridu jkunu definiti b'mod ċar fil-ftehimiet politiċi u kummerċjali tal-UE u li l-assistenza finanzjarja trid tkun akkumpanjata minn miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet li jippermettulha tiffunzjona b'mod effettiv; jenfasizza l-potenzjal tad-delegazzjonijiet tal-UE fl-appoġġ tal-ħidma tad-DAGs ta' pajjiżi terzi u fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-appoġġ tal-SMEs biex jieħdu vantaġġ minn ftehimiet u miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ; jiddeplora n-nuqqas ta' struttura globali f'dan ir-rigward;

40. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar koerenza u trasparenza fl-iskrutinju tal-politika kummerċjali tal-UE; jissottolinja l-ħtieġa ta' kriterji koerenti, ċari, li jistgħu jitkejlu u oġġettivi għall-politika kummerċjali tal-UE u l-involviment taċ-ċittadini tal-UE, djalogu aħjar bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, aktar koerenza politika u skrutinju aħjar tal-aspetti kollha tal-politika kummerċjali; jisħaq fuq ir-rwol ta' valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà *ex ante*, intermedji u *ex post* f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha mal-Parlament fl-istadji kollha tal-proposti tagħha, issegwi l-proposti magħmula mid-DAGs, issaħħaħ mill-ġdid id-djalogu tas-soċjetà ċivili u tikkoopera b'mod aktar intensiv mas-soċjetà ċivili fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew (KESE); jitlob li l-Parlament jorganizza konsultazzjonijiet regolari mad-DAGs;

*Il-multilateraliżmu u l-post ġeopolitiku tal-Ewropa fid-dinja*

41. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika azzjonijiet konkreti u speċifiċi possibbli u pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-kunċett ta' awtonomija strateġika miftuħa, u tiżgura li l-opzjonijiet kollha jkunu disponibbli; jinnota bi tħassib li l-kompetizzjoni u t-tensjonijiet ġeopolitiċi aċċelleraw wara t-tifqigħa tal-COVID-19;

42. Ifakkar fis-sinifikat ġeopolitiku ta' politika kummerċjali tal-UE b'saħħitha, diversifikata u reżiljenti; ifakkar li r-rata għolja ta' dipendenza enerġetika tal-UE hija sfida għal awtonomija strateġika miftuħa, li ġġegħelna naċċelleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija; jisħaq li s-saħħa, il-valuri u l-aderenza tas-suq tal-UE għall-kooperazzjoni, il-ġustizzja, ir-reċiproċità u l-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli għandhom jiffurmaw il-bażi ta' tali aċċess miftuħ;

43. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-UE tfittex sħubijiet ġodda ma' sħab tal-istess fehma u tikkonsolida dawk eżistenti; iqis li l-ftehimiet kummerċjali plurilaterali ma' għadd limitat ta' sħab u l-iffukar fuq kwistjonijiet strateġiċi joffru triq aħjar u aktar konkreta għall-implimentazzjoni tal-kunċett ta' awtonomija strateġika miftuħa u jattiraw appoġġ fost is-soċjetà ċivili;

44. Jisħaq, madankollu, li fejn il-kooperazzjoni ma tkunx possibbli, l-UE għandha ssegwi l-interessi tagħha permezz ta' miżuri awtonomi biex tħares il-valuri tagħha u tiġġieled kontra prattiki kummerċjali inġusti bi qbil mad-dritt internazzjonali;

45. Jilqa' l-affermazzjoni tar-Rieżami tal-Politika Kummerċjali dwar il-multilateraliżmu u l-proposti estensivi magħmula għar-riforma dettaljata meħtieġa tad-WTO fil-funzjonijiet kollha tagħha;

46. Jikkondividi l-enfasi li għamlet il-Kummissjoni fil-viżjoni tagħha għar-riforma tad-WTO dwar l-irkupru ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli, is-sussidji statali inġusti u l-kummerċ diġitali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel l-isforzi kollha biex timplimenta l-aġenda tagħha, inklużi għanijiet dwar il-ġeneri, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tax-xogħol;

47. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata l-konnessjoni rapida tad-WTO ma' organizzazzjonijiet oħra fis-sistema multilaterali bħad-WHO, jintlaħaq kunsens f'Ġinevra, jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jaħdmu b'mod konġunt fuq il-ħakma tal-isfidi globali, u jiġu konklużi n-negozjati dwar is-sussidji tas-sajd fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO;

48. Jisħaq fuq l-importanza tal-inizjattiva kummerċjali u klimatika tad-WTO u jtenni l-appoġġ tiegħu għal ftehim dwar il-prodotti ambjentali; jilqa', f'dan il-kuntest, l-approċċ tad-Direttur Ġenerali l-ġdid tad-WTO u jistenna li l-Kummissjoni tappoġġjaha bil-qawwa sabiex tipprovdi impetu ġdid lill-organizzazzjoni sabiex tkun tista' tindirizza l-isfidi li s-sistema kummerċjali multilaterali qed tiffaċċja bħalissa;

49. Jisħaq fuq l-importanza ta' soluzzjoni ta' tilwim effettiva biex jiġu stabbiliti l-istabbiltà u

l-prevedibbiltà fis-sistema kummerċjali multilaterali u l-ħtieġa li tissolva s-sitwazzjoni attwali tal-Korp tal-Appell f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti, sabiex jerġa' jsir operattiv u b'dan il-mod jiżgura li t-tilwim kummerċjali jkun jista' jiġi solvut kif xieraq; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi bħala parti mill-inizjattiva kummerċjali u klimatika tagħha tad-WTO l-inklużjoni ta' għarfien espert ambjentali fil-kuntest tas-soluzzjoni ta' tilwim, fejn rilevanti;

50. Jenfasizza li l-qawmien mill-ġdid tal-funzjoni ta' negozjar tad-WTO se jkollu rwol ewlieni fi kwalunkwe riforma sostanzjali tal-organizzazzjoni; jinnota, b'mod partikolari, li d-distorsjonijiet kompetittivi kkawżati minn sussidji industrijali u intrapriżi tal-istat, b'mod partikolari fiċ-Ċina, jeħtieġ li jiġu indirizzati u jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti biex tidentifika u tiddifferenzja l-kategoriji ta' sussidji skont il-kontribut tagħhom għal għanijiet pubbliċi leġittimi;

51. Jissottolinja li sabiex terġa' tingħata l-ħajja lill-funzjoni ta' negozjar tad-WTO, l-UE jeħtiġilha taħdem flimkien ma' sħab tal-istess fehma biex isibu bażi komuni għar-riforma tad-WTO fl-aktar sens wiesa'; jafferma mill-ġdid li progress sinifikanti fir-riforma tad-WTO jeħtieġ kunsens wiesa' u koalizzjonijiet ta' sħab tal-istess fehma; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvolvi ruħha f'negozjati plurilaterali bħala pass lejn ftehimiet multilaterali; jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex jinbdew negozjati dwar ftehim plurilaterali dwar in-newtralità kompetittiva ma' sħab tal-istess fehma; huwa konvint li t-tmexxija tal-UE u l-kooperazzjoni transatlantika huma kruċjali biex tirnexxi kwalunkwe riforma sinifikanti tad-WTO;

52. Jitlob li l-Kummissjoni tfittex b'mod attiv soluzzjoni għad-diskrepanza bejn il-livell ta' żvilupp u l-livell ta' impenji meħuda fis-sistema ta' kummerċ internazzjonali; jisħaq li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli u r-riforma tad-WTO;

53. Iqis li huwa essenzjali li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO li jmiss tindirizza r-reġim tas-sanzjonijiet biex jiġi evitat li l-konsegwenzi tal-ksur tar-regoli kummerċjali internazzjonali minn xi membri jitħallsu minn setturi li mhumiex responsabbli għan-nuqqas ta' konformità;

54. Jikkondividi s-suġġeriment li sar fir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali li l-G20 għandu jsaħħaħ il-kooperazzjoni u jikkoordina l-isforzi fit-triq tagħhom lejn in-newtralità karbonika u aspetti oħra tal-Patt Ekoloġiku; jisħaq, madankollu, li sabiex dan l-approċċ ikun effettiv, uħud mill-membri tal-G20 se jkollhom iżidu l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera effiċjenti;

55. Jappoġġja l-aġenda transatlantika ġdida li tħares 'il quddiem ibbażata fuq interessi komuni u valuri u għanijiet kondiviżi, li għandha l-għan li tikkontrobilanċja l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali fil-Paċifiku, tikseb riforma sinifikanti tad-WTO u ssib soluzzjonijiet komuni għal problemi komuni;

56. Jirrikonoxxi li fl-istess ħin għad hemm ċerti interessi diverġenti; jistieden kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti jikkooperaw mill-qrib fil-kuntest politiku l-ġdid biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għan-negozji sabiex jiżdied l-aċċess għas-suq għall-kumpaniji tal-UE, ikomplu jesploraw ftehimiet dwar il-

valutazzjoni tal-konformità u l-eliminazzjoni tat-tariffi industrijali, jaqblu dwar standards soċjali, teknoloġiċi u ambjentali ambizzjużi, u jibnu fuq l-esperjenza ta' xulxin sabiex jippromwovu tali standards b'mod aktar effiċjenti fix-xena globali;

57. Iħeġġeġ liż-żewġ naħat isolvu t-tilwim kummerċjali bilaterali, jappoġġja s-sospensjoni tat-tariffi Airbus-Boeing u jħeġġeġ li din il-kwistjoni tiġi solvuta b'mod permanenti sabiex tinstab soluzzjoni għat-taxxi diġitali; iħeġġeġ lill-Istati Uniti jneħħu d-dazji tat-Taqsima 232 fuq l-azzar u l-aluminju;

58. Jappella għal sforzi konġunti biex il-ħaddiema u l-kumpaniji jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-politika kummerċjali sabiex joħorġu mill-pandemija, iħaffu l-irkupru ekonomiku u jiffaċilitaw il-kummerċ fil-vaċċini u l-oġġetti mediċi essenzjali; itenni li għandna naħdmu flimkien biex niksbu riforma sinifikanti tad-WTO u nerġgħu ndaħħlu Korp tal-Appell li jiffunzjona sew; iħeġġeġ liż-żewġ naħat iżommu mal-impenji tad-WTO skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) u jsibu soluzzjonijiet komuni għal problemi komuni, iżda jissottolinja l-ħtieġa li l-UE taġixxi b'mod awtonomu jekk ikun meħtieġ;

59. Jappoġġja l-komunikazzjoni konġunta bit-titolu "Aġenda ġdida UE-Stati Uniti għal bidla globali" u jappella għall-istabbiliment rapidu ta' Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija ġdid bejn l-UE u l-Istati Uniti; jappella għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar teknoloġiji emerġenti u fixkiela, inklużi restrizzjonijiet konġunti fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni fil-konfront ta' stati awtoritarji;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tqiegħed il-kummerċ, il-klima u r-riformi relatati fil-qalba tar-relazzjonijiet transatlantiċi, filwaqt li jinnota l-livell għoli ta' ambizzjoni li l-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti qed turi f'dan il-qasam, li għandhom ikunu bbażati wkoll fuq approċċi ġodda bħal dawk introdotti mill-Ftehim bejn l-Istati Uniti u l-Messiku (USMCA);

61. Huwa konxju tal-importanza tar-relazzjoni kummerċjali tal-UE maċ-Ċina, li fl-2020 saret l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE f'termini tal-kummerċ tal-merkanzija; jemmen bis-sħiħ li r-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina jirrikjedu approċċ aktar bilanċjat u reċiproku; jisħaq li l-proċess ta' ratifika tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) bejn l-UE u ċ-Ċina jista' jibda biss ladarba l-UE tkun laħqet progress sostanzjali fl-elaborazzjoni ta' miżuri awtonomi xierqa u effettivi li jridu jintużaw fi sforzi li jiġġieldu l-prattiki li joħolqu distorsjoni tas-suq u li jiddefendu l-interessi tal-UE strateġiċi, inklużi projbizzjoni fuq prodotti magħmula permezz ta' xogħol furzat, sett ta' għodod aġġornat għad-difiża tal-kummerċ u mekkaniżmu ta' sanzjonijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem li jiffunzjona;

62. Jissottolinja li r-ratifika tas-CAI hija inkonċepibbli fil-kuntest tad-dinamika li qed tevolvi fir-relazzjoni usa' bejn l-UE u ċ-Ċina u jqis b'dispjaċir kbir l-eskalazzjoni inaċċettabbli taċ-Ċina li poġġiet Membri eletti tal-Parlament Ewropew u entitajiet Ewropej taħt sanzjonijiet, peress li din tkompli tnaqqas il-fiduċja u xxekkel il-kooperazzjoni bilaterali; jissottolinja li l-proċess ta' ratifika tas-CAI mhux se jibda qabel ma jitneħħew is-sanzjonijiet Ċiniżi kontra l-Membri u l-korpi tal-Parlament;

63. Jissottolinja li l-Parlament se jeżamina l-ftehim bir-reqqa, inklużi d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-iżvilupp sostenibbli, u jfakkar lill-Kummissjoni li se jqis is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż f'Hong Kong, meta jintalab japprova l-ftehim

ta' investiment;

64. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timxi 'l quddiem bi ftehim ta' investiment mat-Tajwan, li juri impenn għal involviment sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment u li jieħu l-passi meħtieġa lejn valutazzjoni tal-impatt, konsultazzjonijiet pubbliċi u eżerċizzju dwar l-ambitu qabel tmiem l-2021; itenni l-importanza tad-djalogu strutturali bilaterali, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-multilateraliżmu u d-WTO, it-teknoloġija u s-saħħa pubblika, kif ukoll il-kooperazzjoni essenzjali dwar provvisti kritiċi bħas-semikondutturi;

65. Jilqa' l-impenn tar-Rieżami tal-Politika Kummerċjali fil-konfront tal-Afrika u l-Viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar b'mod effettiv, sostnut u kostruttiv u jappella għal passi konkreti għall-approfondiment tar-relazzjonijiet tal-UE ma' dawn is-sħab, inkluż fil-qasam tal-enerġija;

66. Itenni l-importanza ta' sħubija strateġika u sostenibbli max-Xlokk tal-Asja u mal-Indja; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tibqa' tikkollabora mar-reġjun u tippromwovi b'mod proattiv relazzjonijiet kummerċjali bbażati fuq ir-regoli għal strateġija komprensiva u ambizzjuża għar-reġjun Indo-Paċifiku;

67. Jirrimarka li l-kriżi tal-COVID-19 issottolinjat is-sinifikat ta' sħubija ġdida mal-kontinent Afrikan li trawwem approċċ ta' politika inklużiv u sostenibbli; jissottolinja, f'dan il-kuntest, li jeħtieġ li tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tnaqqis tad-dejn u l-kanċellazzjonijiet tad-dejn; jisħaq li l-UE jeħtieġ li tappoġġja b'mod attiv id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-valur interni tal-Afrika;

68. Jilqa' d-dħul fis-seħħ taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA) bħala strument li jakkumpanja attivament l-integrazzjoni reġjonali, ekonomika u politika tal-Afrika u li jtejjeb l-aċċess tagħha għas-swieq globali;

69. Jissottolinja l-importanza tal-impenn tal-UE għar-relazzjonijiet kummerċjali tagħna mal-Amerika Latina u l-Karibew, inklużi l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej; jesprimi tħassib dwar l-impatt tal-COVID-19, speċjalment fuq in-nisa, f'dan ir-reġjun;

70. Jitlob li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jżommu bħala prijorità l-kooperazzjoni kummerċjali u għall-iżvilupp tagħna u l-iżvilupp ta' reżiljenza akbar għall-pandemiji u l-emerġenzi tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni żżomm djalogu strutturali mas-sħab fir-reġjuni msemmija hawn fuq għal dan il-għan;

°

° °

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-pandemija tal-COVID-19 hija xokk bla preċedent għad-dinja kollha - mhux biss bħala katastrofi umanitarja, iżda wkoll bħala fattur ta' tfixkil għas-sistemi ekonomiċi u kummerċjali tagħna. Kull pajjiż fid-dinja qed iħabbat wiċċu ma' konsegwenzi imprevedibbli għas-sistemi tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini tiegħu. Minħabba li l-effetti tal-pandemija laqtu s-servizzi globali u l-manifattura, huma mbagħad esponew ir-riskji ta' ktajjen tal-valur twal, mudelli ta' produzzjoni eżatt fil-ħin ("just-in-time") u dipendenzi mhux mixtieqa. Il-vulnerabbiltajiet fil-ktajjen ta' valur globali tal-UE jridu jiġu indirizzati, peress li l-għadd ta' xokkijiet eżoġeni bħal pandemiji, avvenimenti tat-temp estremi, kunflitti politiċi u attakki ċibernetiċi x'aktarx se jiżdiedu fil-futur.

Flimkien mal-kriżi attwali hemm id-diżillużjoni taċ-ċittadini fl-Ewropa li għadha tippersisti u li ġejja min-natura dejjem tinbidel tax-xogħol u t-telf tal-impjiegi fl-industriji tal-manifattura. Il-globalizzazzjoni eċċessiva wasslet għal effetti negattivi fuq il-pagi tal-ħaddiema u l-ambjent, flimkien ma' telf (reali jew ipperċepit) ta' setgħa tal-gvernijiet li jsawru l-ekonomija u l-politiki pubbliċi. Filwaqt li r-risponsi nazzjonalisti u l-gwerer kummerċjali mhux se jwassluna biex noħorġu minn din il-kriżi strutturali, it-tħassib sottostanti jrid jittieħed bis-serjetà u n-nuqqasijiet tad-duttrina ekonomika neoliberali jridu jiġu rikonoxxuti. L-appoġġ għas-sistema kummerċjali multilaterali jġib miegħu l-kapaċità li jsawwarha.

L-istess jgħodd għall-indirizzar tal-effetti fuq is-saħħa tal-pandemija attwali. Filwaqt li l-virus ma għandux fruntieri, ir-rispons globali ġie mfixkel b'mod qawwi mill-kontrolli fuq l-esportazzjoni u l-ostakli għall-kummerċ, nuqqas ta' trasparenza dwar il-ħażniet disponibbli u l-produzzjoni ta' prodotti essenzjali, u istituzzjonijiet internazzjonali mdgħajfa li ma kinux ippreparati biex jittrattaw kriżi ta' dan il-kobor. Il-kompitu li għandna quddiemna huwa li nitgħallmu mis-sitwazzjoni attwali u li nsaħħu t-tħejjija internazzjonali tagħna għal kriżijiet (tas-saħħa) futuri.

Ir-riforma tal-politika kummerċjali tradizzjonali fid-dawl tal-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom, billi nagħmluha sostenibbli u ġusta għal kulħadd, hija l-unika triq 'il quddiem biex nikkontribwixxu għall-bidliet globali li qed jitolbu ċ-ċittadini tagħna. Jeħtieġ li l-isfidi jinbidlu f'opportunitajiet u jeħtieġ li jinħolqu impjiegi sostenibbli u aħjar għaċ-ċittadini tagħna. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, bit-3 pilastri tal-ekonomija, l-ekoloġija u l-politika soċjali tagħhom, għandhom iservu bħala kumpass ta' gwida.

***Ktajjen tal-valur ġusti, reżiljenti u ekoloġiċi***

Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur globali baqgħu jaħdmu, ma jistax jiġi miċħud li l-pandemija xeħtet dawl fuq id-dipendenzi mhux mixtieqa f'setturi kruċjali bħall-prodotti farmaċewtiċi, il-prodotti mediċi u t-tagħmir protettiv personali. Filwaqt li n-nuqqasijiet fil-provvista kienu kkawżati minn żieda f'daqqa fid-domanda u interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-valur globali, jidher ċar li xi vulnerabbiltajiet strateġiċi, bħal fis-settur farmaċewtiku, jippreċedu l-pandemija u għandhom jiġu solvuti. Il-politika kummerċjali waħedha ma tistax issolvi tali nuqqasijiet, iżda għandha tkun parti minn taħlita ta' politiki maħsuba sew biex jinċentivaw lill-kumpaniji biex jakkumulaw riżervi, jiddiversifikaw l-istrateġiji tal-akkwist u jippromwovu l-produzzjoni lokali. L-aġġustament tal-istandards tal-akkwist pubbliku, iż-żieda fl-aċċess għas-suq f'setturi strateġiċi, il-konklużjoni ta' sħubijiet strateġiċi ta' kummerċ u

investiment u ż-żamma ta' regoli stretti ta' Investiment Dirett Barrani jistgħu jkunu għodod importanti biex jinkiseb dan.

Bi tweġiba għat-tħassib leġittimu dwar dipendenzi mhux mixtieqa, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-kunċett ta' "Awtonomija Strateġika Miftuħa". Għalkemm il-Komunikazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali (TPR) tipprovdi ftit aktar kontenut dwar x'jinvolvi l-kunċett, azzjonijiet konkreti u pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tagħha jkunu milqugħa. Is-saħħa tas-suq tagħna, il-valuri tagħna u l-aderenza tagħna mal-kooperazzjoni, il-ġustizzja u l-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli għandhom ikunu l-bażi għall-aċċess miftuħ tagħna.

Huwa kruċjali li "Awtonomija Strateġika Miftuħa" toħloq sinerġiji bejn il-politika kummerċjali u l-politiki interni bħal politiki industrijali, diġitali u ambjentali ambizzjużi. Il-kombinazzjoni tal-aċċess miftuħ, il-politika interna li tħares 'il quddiem u l-protezzjoni mill-kompetizzjoni inġusta għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li l-prodotti tal-futur, kemm jekk ikunu karozzi elettriċi innovattivi, pannelli solari tal-fojl jew sustanzi kimiċi rivoluzzjonarji, jiġu prodotti fl-UE.

L-immappjar tas-setturi strateġiċi tal-UE, kif imħabbar fit-TPR, għandu jikseb fehim aħjar tal-punti sodi u dgħajfa tal-ktajjen tal-provvista tagħhom. Abbażi ta' dan l-immappjar, għandhom jiġu identifikati modi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, pereżempju permezz tad-diversifikazzjoni, il-kumulazzjoni ta' riżervi jew ir-rilokalizzazzjoni (inkluż ir-ripatrijazzjoni lejn il-pajjiż ta' oriġini u l-esternalizzazzjoni lejn pajjiżi fil-qrib), li jistgħu joħolqu opportunitajiet kummerċjali ġodda għas-sħab fil-viċinat Ewropew.

***Il-politika kummerċjali għall-prodotti tas-saħħa kritiċi: it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19***

Il-politika kummerċjali internazzjonali għandha rwol deċiżiv fit-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-aċċess ekwu fi prodotti tas-saħħa essenzjali. Minn Marzu 2020, il-komunità globali għamlet passi notevoli 'l quddiem: in-nuqqasijiet fit-Tagħmir Protettiv Personali battew, l-ostakli għall-importazzjoni u l-esportazzjoni raw tnaqqis qawwi, u ġew stabbiliti inizjattivi globali biex tiżdied il-kooperazzjoni fil-produzzjoni u l-aċċess għas-suq, bħal sistemi u pjattaformi tal-akkwist konġunt biex il-manifatturi jitqabblu tul il-katina tal-provvista. Fuq kollox, minħabba kooperazzjoni pubblika-privata dinjija li qatt ma rajna bħalha, issa għandna diversi vaċċini effikaċi disponibbli f'inqas minn sena. Madankollu, jekk verament irridu nirkupraw minn din il-kriżi u nrażżnu t-theddida ta' varjanti perikolużi, jeħtieġ li nkomplu nżidu l-kooperazzjoni internazzjonali, insaħħu s-settijiet ta' għodod tad-WTO u tad-WHO u nittrattaw il-vaċċini bħala ben pubbliku tassew globali.

Għadna 'l bogħod minn dak l-ideal: l-istudji jindikaw li kopertura mifruxa tal-vaċċini mhux se tinkiseb qabel l-2023, u l-aktar pajjiżi foqra se jkollhom jistennew sa mill-inqas l-2024 qabel ma tkun tista' tinkiseb l-immunità kollettiva. F'dan iż-żmien, huwa diffiċli li jiġi previst kemm dożi jistgħu jiġu prodotti fuq bażi annwali. Fl-2020, il-produtturi tal-vaċċini rnexxielhom jipproduċu biss 3 % tad-dożi li kienu inizjalment previsti, filwaqt li s'issa l-produzzjoni tal-vaċċini kienet ikkonċentrata fi 13-il pajjiż biss mid-dinja kollha. L-iskarsezza ta' diversi komponenti bħall-kunjetti, il-lipidi u l-boroż u l-filtri li jintużaw darba biss għadha toħloq konġestjonijiet sinifikanti fil-produzzjoni. Fl-istess ħin, kien hemm evidenza li mill-inqas l-UE, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti, l-Indja u ċ-Ċina japplikaw xi forma ta' restrizzjonijiet fuq l-

esportazzjoni tal-vaċċini, li tnaqqas iż-żieda fil-manifattura u jista' jkollha effett dissważiv fuq l-investimenti.

Hemm urġenza ċara biex isir dak kollu li huwa meħtieġ biex tiżdied il-manifattura u titnaqqas il-konċentrazzjoni globali tal-kapaċità tal-manifattura. Għal dan il-għan, l-inizjattiva tad-WTO dwar il-Kummerċ u s-Saħħa proposta mill-grupp ta' Ottawa trid titmexxa 'l quddiem malajr. Spinta politika kbira tista' sservi ta' katalizzatur għall-enerġija meħtieġa biex jintlaħaq ftehim mill-konferenza ministerjali li jmiss tad-WTO, fl-aħħar tas-sena 2021. L-Unjoni Ewropea jista' jkollha rwol kritiku fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni kummerċjali globali, iżda l-ewwel jeħtiġilha tneħħi l-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni tagħha għall-esportazzjoni u tiddjaloga ma' pajjiżi produtturi oħra biex jagħmlu l-istess.

Barra minn hekk, hemm rwol ċar li għandu jitwettaq mill-istituzzjonijiet multilaterali fit-twassil tal-kapaċità tal-manifattura lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif muri mis-"Summit Globali dwar il-Ktajjen tal-Provvista u l-Manifattura tal-Vaċċini Kontra s-C19" li sar fit-8-9 ta' Marzu 2021. It-tlaqqigħ flimkien ta' manifatturi minn pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw, kif ukoll gvernijiet, gruppi tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali (bħad-WHO, il-GAVI u s-CEPI) u assoċjazzjonijiet tan-negozju (bħall-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ) irid isaħħaħ ir-rwol tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-futur tal-produzzjoni farmaċewtika. Tali diversifikazzjoni akbar tal-ktajjen tal-provvista medika tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għall-awtonomija strateġika tal-UE, u tista' tiġi ffaċilitata aktar permezz ta' taħlita ta' politiki intelliġenti li tuża l-għodod tal-kummerċ u l-investiment kif ukoll tal-akkwist pubbliku.

Fl-istess ħin, is-sejħiet għal deroga temporanja mit-TRIPS għal prodotti tas-saħħa essenzjali għall-COVID-19 ma jistgħux jiġu injorati, peress li jirriskjaw li jaggravaw id-distakk perikoluż bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar. Hemm tħassib ċar u profond madwar id-dinja dwar l-aċċess ġust u ekwu għall-vaċċini u prodotti mediċi oħra. Tali rikonċiljazzjoni għandha timxi id f'id ma' impenn biex jiġi rivedut il-ftehim TRIPS u l-flessibbiltajiet tiegħu, sabiex dan ikun aktar adatt għall-iskop għal pandemiji futuri.

***Kummerċ u żvilupp sostenibbli***

L-Ewropa biddlet b'mod drastiku d-direzzjoni tagħha, billi poġġiet il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-għan tan-newtralità klimatika sal-2050 u l-SDGs fil-qalba tat-tfassil tal-politika tagħha u billi fittxet l-għan li tidderieġi lill-UE lejn soċjetà aktar reżiljenti, sostenibbli u ġusta. Madankollu, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra inkorporati fl-importazzjonijiet lejn l-UE qed jiżdiedu b'mod kostanti, u issa jirrappreżentaw aktar minn 20 % tal-emissjonijiet domestiċi tas-$CO_2$ tagħna u b'hekk jimminaw l-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-impronta globali tagħha u tiġġieled it-tibdil fil-klima.

It-TPR jiddikjara b'mod espliċitu li l-politika kummerċjali għandha tkun allinjata mal-Patt Ekoloġiku. Min-naħa l-waħda, dan ifisser li jiġi adottat b'mod sħiħ il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" u li jiġu eliminati l-prattiki li jagħmlu ħsara lin-nies, l-annimali u l-pjaneta u li jimminaw il-politika sostenibbli. Min-naħa l-oħra, jirrikjedi li jkun hemm politika kummerċjali li tibdel l-isfidi f'opportunitajiet u tikkontribwixxi b'mod attiv għal tranżizzjoni ġusta u sostenibbli fuq livell globali minflok ma taħdem kontriha. L-istudji juru li t-tariffi u l-ostakli mhux tariffarji huma sostanzjalment aktar baxxi għal prodotti u servizzi kannella milli għal dawk ekoloġiċi. Jekk l-UE trid tagħti l-eżempju ta' dak li qed tgħid dwar il-Patt

Ekoloġiku, għandha timmira li tmexxi bl-eżempju u tuża l-pożizzjoni tagħha bħala t-tieni l-akbar suq tal-konsumatur fid-dinja biex tistabbilixxi aġenda ekoloġika globali.

Barra minn hekk, l-ispejjeż ambjentali mhumiex l-uniċi spejjeż li l-politika kummerċjali għandha tqis: id-dominanza ekonomika globali ta' kumpaniji multinazzjonali kbar u l-istrateġiji tagħhom li jimminimizzaw il-kostijiet jaffettwaw l-inugwaljanza funzjonali globali fl-introjtu, hekk kif it-tkabbir rapidu tal-profitti jwassal biex jitnaqqas is-sehem globali tal-introjtu mix-xogħol. Huwa kruċjali li l-politika kummerċjali tindirizza l-esternalizzazzjoni tal-ispejjeż soċjali inerenti għal ktajjen tal-valur twal u mudelli ta' produzzjoni eżatt fil-ħin ("just-in-time"). Għalhekk, l-UE jeħtiġilha ssegwi taħlita ta' politiki ta' diliġenza dovuta u miżuri ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, iżżid l-infurzabbiltà tal-kapitoli tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, tintroduċi valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà aktar regolari u komprensivi u projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet mix-xogħol furzat.

***Il-multilateraliżmu u l-post ġeopolitiku tal-Ewropa fid-dinja***

Il-politika kummerċjali hija l-aktar strument b'saħħtu tal-UE fil-ġeopolitika globali. M'hemmx dubju li l-kummerċ u l-ġeopolitika huma interkonnessi, speċjalment fl-era ta' wara l-COVID-19. Madankollu, kien hemm nuqqas ta' viżjoni ġeopolitika ċara dwar ir-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-Istati Uniti u ċ-Ċina. Barra minn hekk, l-UE għandha tkompli tiżviluppa viżjonijiet ċari u speċifiċi għar-reġjun fir-rigward tas-sħubijiet tagħha mal-Amerika Latina, l-Afrika, ix-Xlokk tal-Asja (inkluż it-Tajwan), il-Viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar u l-Indja.

Billi tagħmel dan, l-UE għandha terfa' r-responsabbiltà tagħha fil-konfront tal-bqija tad-dinja, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Spiss wisq, enfasi mhux ibbilanċjata fuq l-esportazzjonijiet la tiffaċilita l-iżvilupp u lanqas tistimula ekonomija b'valur miżjud fil-pajjiżi sħab. It-teknoloġiji innovattivi mhumiex qed isibu triqthom lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-aċċess għar-riżorsi għall-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għadu problematiku. Sfortunatament, it-TPR ma jipprovdix tweġiba għal dan. Huwa importanti li l-politika kummerċjali tal-UE tappoġġja l-ħolqien ta' ktajjen tal-valur reġjonali. Element importanti biex jinkiseb dan huwa politika ta' investiment immirata lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, sabiex tkun kredibbli, l-implimentazzjoni ta' din l-aġenda ta' sostenibbiltà l-ġdida fil-kummerċ ma għandha tħalli l-ebda spazju għall-ambigwità. Pereżempju, mhumiex biss l-FTAs futuri jew l-FTAs li qed jiġu riveduti li għandhom jinġiebu f'konformità mal-Ftehim Ekoloġiku u l-istandards internazzjonali għal xogħol deċenti, iżda anke l-FTAs eżistenti, l-FTAs li qed jiġu nnegozjati u dawk li jinsabu fl-istadju bejn il-konklużjoni fil-prinċipju u r-ratifika. Barra minn hekk, ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali ma jinkludix skeda ta' żmien ċara għall-azzjonijiet imħabbra. Għażla ċara ta' żmien tagħti prova li l-UE hija lesta li tagħti l-eżempju ta' dak li qed tgħid.

12.5.2021

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar aspetti u implikazzjonijiet kummerċjali tal-COVID-19
(2020/2117(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anna-Michelle Asimakopoulou

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-vulnerabbiltà tal-katina tal-provvista globali, b'mod partikolari f'termini ta' ikel u saħħa, u l-ħtieġa li jinbnew ktajjen reġjonali ta' valur u tingħata spinta lill-integrazzjoni reġjonali;

1. Jilqa' pożittivament l-impenn li ħadet il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Frar 2021 intitolata "Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva" biex tagħmel il-politika kummerċjali tagħha koerenti mal-objettiv ġenerali tagħha tat-trasformazzjoni ekoloġika tal-ekonomija, lejn ekonomija newtrali għall-klima, ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti sal-2050;

2. Jinnota li l-COVID-19 ikkawżat kriżi tas-saħħa, ekonomika, soċjali u umanitarja mingħajr preċedent fuq skala globali, b'effetti asimmetriċi għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), li l-vulnerabbiltà għolja tagħhom hija marbuta ma' diversifikazzjoni ekonomika fqira u dipendenza għolja fuq l-esportazzjoni tal-materja prima u li ntlaqtu l-agħar mit-tnaqqis fir-ritmu kummerċjali kkawżat mill-pandemija f'għadd ta' setturi, u aktar u aktar fis-servizzi, inkluż it-turiżmu, kif ukoll għall-pajjiżi bi dħul baxx u medju (LICs u MICs), u b'mod speċjali għall-persuni foqra u f'riskju ta' faqar; huwa tal-fehma li, konsegwentement, l-LDCs, l-LICs u l-MICs jeħtieġu aktar sostenn minn pajjiżi oħra biex jerġgħu jqajmu l-ekonomiji u l-kummerċ tagħhom u li l-UE għandha r-responsabbiltà li taġixxi bħala attur globali; jistieden lill-UE tirrispetta l-impenji tagħha lejn il-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw, tnaqqas l-inugwaljanzi u tadotta approċċ imfassal apposta li jqis iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom;

3. Jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 hija katalist tal-bidla fl-ordni globali; jistieden lill-Kummissjoni torganizza rispons assertiv u kkoordinat tal-politika kummerċjali internazzjonali mmirat lejn irkupru multilaterali, reżiljenti u sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar li l-politika kummerċjali tal-UE u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi li qed

jiżviluppaw għandhom ikunu bbażati fuq il-valuri fundamentali tal-UE u jikkontribwixxu għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-qerda tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni tapprofondixxi r-relazzjonijiet kummerċjali mal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OACPS), mal-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) u mal-pajjiżi Afrikani permezz ta' rieżami fil-fond tal-ftehimiet ta' sħubija ekonomika u ta' skambju tal-aħjar prattiki, filwaqt li tisfrutta bl-aħjar mod l-Istrateġija tal-Għajnuna għall-Kummerċ tal-UE, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-proċess ta' integrazzjoni reġjonali tagħhom u li tipprovdi opportunitajiet ta' investiment sostenibbli għall-Afrika u b'hekk toffri mudell ta' żvilupp alternattiv; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-progress limitat f'dak li għandu x'jaqsam mad-diversifikazzjoni ekonomika tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw koperti minn ftehimiet ta' sħubija ekonomika (FSE); iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu fehmiet diverġenti rigward l-FSE u jsibu soluzzjonijiet konkreti bħala tweġiba għat-tħassib tal-pajjiżi Afrikani, b'mod partikolari rigward il-prijorità tagħhom li jibnu ktajjen ta' valur reġjonali u jagħtu spinta lill-kummerċ intra-Afrikan; jilqa' pożittivament u bis-saħħa d-dħul fis-seħħ taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA) bħala strument biex jakkumpanja attivament l-integrazzjoni reġjonali, ekonomika u politika Afrikana u biex itejjeb l-aċċess tal-Afrika għas-swieq globali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu inizjattiva fil-livell globali dwar ftehimiet ta' serħan mid-dejn għal-LDCs;

4. Jilqa' pożittivament l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' infurzar tal-kapitoli tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSD) u li tvara rieżami bikri u komprensiv fl-2021 tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-kapitoli tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ebda dispożizzjoni fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) ma timmina l-objettivi u l-istandards minquxa fil-kapitoli tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli;

5. Ifakkar li fil-kuntest ta' kundizzjonijiet ekonomiċi diġà fraġli, il-pandemija kellha konsegwenzi enormi fuq il-kummerċ internazzjonali, li kkawżat il-waqgħa tiegħu u ħolqot ammont kbir ta' tfixkil fuq skala mingħajr preċedent; jemmen li, bħala lezzjoni misluta mill-pandemija fl-Ewropa b'mod partikolari, huwa indispensabbli li l-fruntieri jinżammu miftuħa; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jikkondividu l-esperjenza tagħhom u jassistu lill-pajjiżi u lir-reġjuni li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment u fuq il-kummerċ u jistabbilixxu "mekkaniżmi ta' kurituri ekoloġiċi" biex jippermettu kemm jista' jkun il-fluss liberu u mingħajr xkiel ta' oġġetti essenzjali (speċjalment provvisti mediċi u tagħmir protettiv personali) u ta' prodotti agroalimentari, u l-aċċess għall-għajnuna umanitarja f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jisħaq fuq l-importanza li tinżamm sistema kummerċjali miftuħa u multilaterali, f'konformità mal-impenji ambjentali u tat-tibdil fil-klima internazzjonali, li tippermetti t-trasparenza fir-rigward tal-intenzjonijiet u l-azzjonijiet tal-politika relatata mal-kummerċ, u li tillimita l-ostakli kummerċjali u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni bla bżonn, u li tosserva r-Riżoluzzjoni 74/274 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li tappella għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista li jippromwovu u jiżguraw aċċess ġust, trasparenti, ekwu, effiċjenti u f'waqtu għall-mediċini, il-vaċċini u l-provvisti mediċi meħtieġa għall-ġlieda kontra l-COVID-19, kif ukoll tar-Riżoluzzjoni 73.1 tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa li tirrikonoxxi r-rwol tal-immunizzazzjoni estensiva kontra

l-COVID-19 bħala ġid komuni għas-saħħa;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-politika kummerċjali tal-UE sabiex tgħin lill-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw jagħtu spinta lir-reżiljenza u lid-diversifikazzjoni tal-ktajjen ta' valur tagħhom fil-livell globali, reġjonali u lokali, inklużi r-rilokalizzazzjoni u d-delokalizzazzjoni fil-viċinanzi, u jirrimarka li r-rilokalizzazzjoni trid tkun ibbażata fuq approċċ komprensiv u tqis il-kummerċ internazzjonali, l-industrija u s-suq intern sabiex ikunu ppreparati aħjar għal xokkijiet sistemiċi futuri, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tmexxi l-isforzi għar-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) bil-ħsieb li tappoġġa l-ġustizzja soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera fl-iżvilupp u fl-infurzar ulterjuri ta' obbligi proporzjonati ta' diliġenza dovuta tan-negozju fil-ktajjen tal-valur globali, filwaqt li tgħin fl-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' konformità fil-ktajjen tal-provvista u fil-produzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

7. Jenfasizza li l-problemi tas-saħħa pubblika kkawżati mill-COVID-19 jistgħu jiġu ġestiti b'mod xieraq u effettiv kullimkien fid-dinja sakemm il-miżuri inklużi l-vaċċini jkunu aċċessibbli madwar id-dinja; jilqa' pożittivament l-impenn muri mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, li jaġixxu flimkien bħala "Tim Ewropa", fl-indirizzar tal-impatt usa' tal-COVID-19 fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari permezz tar-Rispons Globali għall-Coronavirus u l-inizjattivi COVAX, li juru s-solidarjetà tagħna mal-LDCs; jitlob miżuri adegwati għall-isfidi globali marbuta mal-iskarsezzi, mal-kapaċità insuffiċjenti ta' manifattura u mad-distakk bejn l-objettivi tal-COVAX u l-finanzjament tagħhom; ifakkar fil-bżonn ta' inizjattiva magħquda min-naħa tal-pajjiżi industrijalizzati, miftuħa u demokratiċi fil-forma ta' Alleanza għall-Vaċċini, peress li l-inizjattiva COVAX tista' tkopri biss il-vaċċini għal 20 % tal-popolazzjoni dinjija; ifakkar lill-Kummissjoni li skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), id-dewmien fil-vaċċini f'nazzjonijiet ifqar x'aktarx jhedded l-irkupru tal-UE stess minħabba t-tfixkil kontinwu tal-kummerċ internazzjonali u l-ktajjen tal-provvista globali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu rwol attiv u kostruttiv fid-dibattiti tal-Kunsill TRIPS tad-WTO dwar l-evitar ta' ostakli għall-aċċess tal-vaċċini u dwar il-bini tal-kapaċità billi tivvaluta l-għażliet kollha possibbli bil-miktub, iżda mingħajr ma taffettwa l-kompetenzi tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina mill-qrib mad-WHO, mad-WTO u mal-Unjoni Afrikana fil-bini u fl-iskalar tal-produzzjoni tal-vaċċini għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li tevita l-itfaċċar ta' varjanti reżistenti għall-vaċċini; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi kuntratti bejn il-kumpaniji farmaċewtiċi u l-manifatturi ġeneriċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tiżdied il-kapaċità globali tal-manifattura u jitnaqqas id-dewmien tal-vaċċini, kif ukoll biex tiġi żgurata l-affordabbiltà, speċjalment għal-LDCs, u d-disponibbiltà universali; jitlob li l-liċenzjar obbligatorju u l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 816/2006[1] jitqiesu bħala mezz biex tingħata spinta lill-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li qed jiffaċċjaw il-COVID-19;

8. Jitlob li l-Grupp ta' Kuntatt bejn il-Kummissjoni u l-Parlament jingħata l-kompitu ta' sorveljanza fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rispons għall-COVID-19, inkluż in-negozjar ta' ftehimiet ta' xiri bil-quddiem (APAs); jitlob l-inklużjoni ta'

---

[1] Regolament (KE) Nru 816/2006 tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-liċenzjar obbligatorju ta' privattivi relatati mal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li għandhom problemi ta' saħħa pubblika (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 1).

rappreżentanti tal-Kumitat għall-Iżvilupp fil-Grupp ta' Kuntatt bejn il-Kummissjoni u l-Parlament biex jipprovdu kontribut adegwat għal ħolqien ta' strateġija tal-vaċċinazzjoni globali tal-UE li hija mħejjija għal sfidi bħall-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vaċċini f'pajjiżi b'infrastruttura medika insuffiċjenti, il-produzzjoni ta' vaċċini f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, buffer umanitarju għall-vaċċinazzjonijiet, u t-tnaqqis tar-riskju u t-tħejjija kontra razez ġodda tal-virus;

9. Jissottolinja li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw se jkollhom bżonn għaxar snin biex jirkupraw mill-pandemija, skont ir-rapport ta' Oxfam International intitolat "The inequality virus", filwaqt li pajjiżi aktar sinjuri se jagħmlu progress aktar mgħaġġel fir-rigward tal-vaċċinazzjonijiet u se jirkupraw aktar malajr; jirrimarka li, skont l-Istitut Peterson for International Economics, in-nuqqas ta' immunizzazzjoni tal-popolazzjoni dinjija se jiswa lill-pajjiżi sinjuri bejn 10 u 100 darbiet aktar minn dak li kieku jiswiehom kieku kellhom jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jivvaċċinaw lin-nies; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tikkoordina konferenza tad-donaturi biex tinvesti fil-manifattura globali u tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-privattivi u t-trasferiment tat-teknoloġija sabiex jitħaffef l-irkupru ekonomiku u tas-saħħa globali;

10. Jiddeplora l-fatt li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-ostakli għall-kummerċ fixklu s-swieq agroalimentari u l-ktajjen tal-provvista madwar id-dinja, u ħallew impatt qawwi fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex is-sigurtà alimentari issir waħda mill-prijoritajiet tagħha u tidentifika l-miżuri xierqa biex tiżgura li din il-pandemija ma tikkawżax kriżi tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jisħaq fuq il-fatt li t-talba leġittima biex titnaqqas il-pressjoni tal-agrikoltura fuq l-ambjent għandha tiġi segwita b'tali mod, u b'tali ritmu, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini kollha fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll fl-UE; jappoġġa azzjonijiet li jiffaċilitaw il-kummerċ bil-għan li jippromwovu s-sikurezza tal-ikel u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji b'reazzjoni għall-COVID-19; ifakkar fil-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp biex jiġi żgurat li l-esportazzjonijiet Ewropej, speċjalment fil-qasam tal-agrikoltura, ma jfixklux l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali, sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-pajjiżi fuq l-importazzjonijiet kif ukoll il-vulnerabbiltà tagħhom għall-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet internazzjonali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-implikazzjonijiet tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-kisba tal-SDGs tan-NU sal-2030; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadatta mill-ġdid il-politika kummerċjali tagħha kif xieraq f'konformità mal-politika għall-iżvilupp globali tagħha biex tiżgura li l-ekonomiji u s-soċjetajiet jerġgħu jinbnew b'tali mod li jkunu aħjar, aktar sostenibbli, aktar reżiljenti u aktar soċjoekonomikament ugwali wara l-pandemija; jisħaq li l-indirizzar tal-inugwaljanzi jrid isir ċentrali għall-istrateġija globali tal-UE wara l-COVID-19, inkluża l-aġenda kummerċjali tagħha, biex jiġi żgurat li l-progress fit-tnaqqis tal-faqar, l-edukazzjoni, is-saħħa pubblika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-azzjoni klimatika ma jintilifx minħabba l-pandemija;

12. Ifakkar li t-telf tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema se jimmina l-progress f'madwar 80 % tal-miri vvalutati taħt l-SDGs tan-NU; jiddispjaċih li s-sistemi għas-soluzzjoni tat-tilwim li jkopru l-bijodiversità u d-dispożizzjonijiet kummerċjali fil-ftehimiet ambjentali multilaterali mhumiex vinkolanti, għall-kuntrarju tas-sistema ta' infurzar tad-WTO, li *de facto* tinkorpora s-supremazija tal-liġi kummerċjali fuq il-bijodiversità; ifakkar, b'mod partikolari, li r-regoli attwali tad-WTO jillimitaw il-

possibbiltà tal-Istati Membri li jgħollu t-tariffi fuq prodotti li għandhom impatt negattiv fuq il-bijodiversità; jilqa', f'dan il-kuntest, l-impenn tal-Kummissjoni li tipprijoritizza l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi r-riforma tad-WTO f'dan is-sens;

13. Iqis li l-COVID-19 aċċellerat il-bidla favur id-diġitalizzazzjoni, li tippreżenta opportunitajiet biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ internazzjonali, jitnaqqsu l-proċessi li jirrikjedu kuntatt dirett u tippermetti loġistika effiċjenti u l-bini ta' ħażna strateġika b'potenzjal enormi, b'mod partikolari għall-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw; jissottolinja li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-LDCs għadhom lura fl-ekonomija diġitali u jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora mal-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw sabiex issaħħaħ u tiffaċilita l-infrastruttura diġitali, kif ukoll biex tagħti importanza strateġika lill-kummerċ diġitali u tiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali, tistabbilixxi strateġiji ta' politika u tarmonizza l-oqfsa regolatorji għall-kummerċ elettroniku sostenibbli, tappoġġa t-taħriġ tal-ħiliet, u timmodernizza l-istrumenti ta' ġestjoni kummerċjali u doganali, il-pagamenti elettroniċi u l-proċeduri awtomatizzati; jissottolinja l-ħtieġa li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE tikkontribwixxi biex tiżgura li l-popolazzjonijiet ikollhom aċċess għall-internet broadband ġenerali bi prezzijiet affordabbli fl-LDCs;

14. Iqis li l-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tiddetta li naħdmu f'kuntest multilaterali u nikkoordinaw politiki fil-livelli internazzjonali u nazzjonali biex nindirizzaw l-isfidi enormi għal dawn l-aspirazzjonijiet li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u biex nikkunsidraw l-SDGs fil-bini mill-ġdid u fir-ristrutturar tan-netwerks kummerċjali internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-rieżami tagħha dwar il-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt dwar il-kapitoli tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli matul l-2021, li tindirizza l-infurzabbiltà tal-impenji tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli;

15. Jilqa' pożittivament l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ id-dimensjoni tas-sostenibbiltà tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti u futuri; jitlob, għaldaqstant, li titwettaq valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibbiltà profonda *ex ante* u *ex post* fir-rigward tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE;

16. Jisħaq fuq l-importanza li tintuża prospettiva strateġika biex ittejjeb l-istat ta' tħejjija u r-reżiljenza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal kwalunkwe xokkijiet u kriżijiet tas-saħħa futuri, inkluż l-itfaċċar ta' mutazzjonijiet ġodda ta' mard u pandemiji futuri, bil-għan li jiġu żviluppati strateġiji u reazzjonijiet validi għall-futur;

17. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem b'mod attiv fi ħdan id-WTO sabiex tippromwovi regoli multilaterali għall-ġestjoni sostenibbli tal-ktajjen ta' valur mondjali, inkluż l-obbligu ta' diliġenza dovuta rigward il-ktajjen tal-provvista.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 10.5.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 1<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Gianna Gancia, Charles Goerens, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Jan-Christoph Oetjen, Christian Sagartz, Marc Tarabella, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Chrysoula Zacharopoulou, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Stéphane Bijoux, Maria Noichl, Patrizia Toia |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 17 | + |
|---|---|
| ECR | Ryszard Czarnecki, Beata Kempa |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé |
| Renew | Stéphane Bijoux, Catherine Chabaud, Charles Goerens, Chrysoula Zacharopoulou |
| S&D | Pierfrancesco Majorino, Maria Noichl, Marc Tarabella, Patrizia Toia |

| 1 | - |
|---|---|
| ID | Bernhard Zimniok |

| 7 | 0 |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde, Gianna Gancia |
| NI | Antoni Comín i Oliveres |
| The Left | Miguel Urbán Crespo |
| Verts/ALE | Benoît Biteau, Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

11.5.2021

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-aspetti u l-implikazzjonijiet kummerċjali tal-COVID-19
(2020/2117(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Álvaro Amaro

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li, f'dan il-kuntest ta' reċessjoni ekonomika qawwija, ikkawżata mill-COVID-19, flimkien mal-inċertezza li ħoloq il-Brexit u d-dazji żleali imposti mill-Istati Uniti fuq ċerti prodotti tal-ikel Ewropej, il-kummerċ agroalimentari tal-UE baqa' pjuttost stabbli matul l-2020, kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet, bis-saħħa, fil-biċċa l-kbira, tal-aħjar sforzi tal-bdiewa u tal-katina agroalimentari; jenfasizza li s-surplus annwali tal-kummerċ agroalimentari tal-Unjoni qabeż l-ammont ta' EUR 60 biljun; josserva, madankollu, li dawn iċ-ċifri jvarjaw konsiderevolment bejn Stat Membru u ieħor u bejn settur u ieħor; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Unjoni hija l-akbar kummerċjant globali fil-prodotti agrikoli u li l-agrikoltura u l-prodotti agroalimentari huma muturi ewlenin għall-esportazzjonijiet tal-UE u għall-irkupru ekonomiku;

2. Jissottolinja r-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea, speċjalment tal-prodotti b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), u tas-setturi agroalimentari biex jiggarantixxu s-sigurtà alimentari u s-sigurtà tal-provvista; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-kriżi tal-COVID-19 uriet id-dipendenza tas-sistema tal-produzzjoni tal-ikel mit-trasport, u li l-konċentrazzjoni tal-produzzjoni kif ukoll id-dgħajfien tas-swieq lokali huma problematiċi u għandhom jiġu indirizzati b'miżuri xierqa; jisħaq fuq l-importanza strateġika ta' dawn is-setturi, aktar u aktar fi żminijiet ta' kriżi, kif ukoll l-importanza li tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE;

3. Jissottolinja l-importanza soċjoekonomika tas-setturi agroalimentari kif ukoll l-għadd kbir ta' kumpaniji u impjiegi involuti, fosthom impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet; jisħaq fuq l-importanza tal-produzzjoni agroalimentari tal-Ewropa bħala settur primarju indispensabbli għas-sussistenza alimentari Ewropea, għall-funzjonament effiċjenti tal-

katina tal-provvista tal-ikel u għall-vitalità u għall-iżvilupp taż-żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi; jissottolinja li s-suċċess tal-agrikoltura Ewropea huwa marbut mal-politika agrikola komuni, li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-bdiewa u tiggarantixxi sigurtà alimentari fl-UE, u ma tistax tinkiseb unikament fil-livell lokali jew reġjonali; ifakkar li ċerti ftehimiet ta' kummerċ ħieles ipoġġu f'diffikultà kbira diversi setturi agrikoli Ewropej;

4. Ifakkar, madankollu, li xi swieq agroalimentari Ewropej jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna wara telf sinifikanti fil-bejgħ flimkien ma' prezzijiet aktar baxxi u, fost affarijiet oħra, il-kost dejjem ogħla tal-għalf u ż-żieda fl-importazzjonijiet, li jheddu s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom; josserva li l-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq is-setturi taċ-ċanga, tal-vitella, tal-pollam, tal-majjal, tal-patata, tal-inbid, tal-ispirti u tal-likuri, kif ukoll fuq dak tat-trobbija tal-bhejjem, tal-ikel frisk, tal-laħam u tal-pjanti ornamentali, fost oħrajn, fid-dawl tar-restrizzjonijiet li qegħdin jolqtu s-settur tat-turiżmu tal-UE, il-kontrazzjoni tas-suq dinji, il-waqgħa fl-esportazzjonijiet f'termini kemm ta' volum kif ukoll ta' valur, iż-żieda fil-kostijiet loġistiċi u d-drawwiet ta' konsum li qed jinbidlu; jitlob sostenn ulterjuri għar-riattivazzjoni u għad-diversifikazzjoni ta' dawn l-esportazzjonijiet u għall-ksib mill-ġdid tas-sehem tas-suq, inklużi l-miżuri straordinarji lis-settur tal-inbid u l-miżuri għas-settur tal-frott u tal-ħaxix fl-esportazzjonijiet lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi; jitlob fl-istess ħin sostenn lis-setturi, bħal dak tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat jew tan-nagħaġ fost l-oħrajn, li jġarrbu danni importanti minħabba l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

5. Jissottolinja, fl-istess ħin, li l-ġlieda kontra l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 ma għandhiex toskura l-problemi u l-isfidi l-oħra li l-agrikoltura Ewropea qiegħda bħalissa tħabbat wiċċha magħhom; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ attent tal-implikazzjonijiet tal-ftehimiet kummerċjali UE-Renju Unit u UE-Mercosur, b'attenzjoni partikolari lis-swieq tal-pollam, taċ-ċanga u tal-ħalib fl-Istati Membri u lis-settur tas-sajd tal-UE, kif ukoll tal-ftehim UE-Ukrajna dwar il-kummerċ ħieles tal-prodotti tal-ħalib;

6. Jevidenzja li l-COVID-19 ħolqot diffikultajiet partikolari għall-katini tal-provvista ta' setturi b'intensità għolja ta' manodopera bħal dak tal-prodotti tal-frott u tal-ħaxix u tal-annimali u li l-miżuri biex jaġevolaw il-kontinwazzjoni tal-produzzjoni u tal-kummerċ f'tali ċirkostanzi jeħtiġilhom jintegraw it-tħassib relatat mal-benesseri tal-ħaddiema u mal-moviment liberu;

7. Jenfasizza li l-UE tesporta prodotti agroalimentari ta' kwalità għolja u ta' valur għoli u li t-tnaqqis potenzjali fil-kapaċità tal-akkwist fuq livell dinji jista' jkollu impatt negattiv fuq tali esportazzjonijiet; ifakkar fis-sitwazzjoni delikata li kien fiha s-settur qabel il-pandemija minħabba l-Brexit u ż-żieda fid-dazji tal-Istati Uniti, sitwazzjoni li ġiet aggravata mill-pandemija; jissottolinja l-bosta inċertezzi li s-swieq agrikoli jaf ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom fis-snin li ġejjin, bħat-tifqigħ ta' mard, il-proliferazzjoni ta' ċerti pestijiet u t-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-bżonn li jingħata sostenn lill-investimenti fl-azjendi agrikoli, biex is-settur agrikolu jkun jista' jikkontribwixxi għall-irkupru wara l-pandemija;

8. Ifakkar li f'ħafna setturi l-bdiewa u l-ortikolturi ġarrbu telf ekonomiku gravi minħabba l-għeluq ta' ħwienet u strutturi tal-forniment tal-ikel; jenfasizza li minħabba n-natura speċifika tal-produzzjoni alimentari u l-użu ta' ċikli ta' tkabbir u prodotti friski, il-

produtturi primarji jinsabu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli fil-preżenza ta' kundizzjonijiet tas-suq esterni u mhux mistennija; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma attivatx fil-pront miżuri tas-suq xierqa, inklużi miżuri eċċezzjonali maħsuba biex itaffu u jkomplu jipprevjenu d-danni ekonomiċi lill-bdiewa u lill-ortikolturi milquta f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tislet tagħlima minn dan kollu biex tagħmel użu aqwa mill-opportunitajiet fil-ġejjieni u toffri biżżejjed riżorsi biex taġevola azzjoni rapida; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jallokaw perċentwal xieraq u sinifikattiv tal-fondi ta' rkupru Ewropej (Next Generation EU) lis-settur primarju;

9. Ifakkar li l-miżuri eċċezzjonali ta' sostenn favur l-agrikoltura u s-settur agroalimentari proposti fil-bidu tal-pandemija ma kinux biżżejjed, u li l-għajnuna addizzjonali li taw l-Istati Membri wasslet għal risposti nazzjonali lil-kriżi ferm differenti; jinsisti fuq il-bżonn li tiżdied l-allokazzjoni għall-programm promozzjonali 2022 sa, mill-inqas, il-livell li kellu fl-2020, billi l-politika promozzjonali tal-UE hija element fundamentali għall-aċċess tal-bdiewa għas-swieq kemm interni kif ukoll esterni, speċjalment f'kuntest ta' instabbiltà kummerċjali internazzjonali għolja kkawżata mill-fatt li l-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis fil-konsum ta' ċerti prodotti agrikoli; jenfasizza li l-prezzijiet baxxi, flimkien mal-kostijiet ogħla matul u wara l-pandemija, naqqsu u se jkomplu jnaqqsu l-kapaċità ta' investiment tal-azjendi agrikoli; jisħaq fuq l-importanza tal-pjanijiet ta' rkupru nazzjonali f'dan ir-rigward; jistieden lill-UE ssostni finanzjarjament lill-produtturi primarji li huma l-aktar esposti għar-riskju ta' falliment minħabba t-tfixkil;

10. Jenfasizza li kwalunkwe pjan u miżura ta' inċentivi ekonomiċi tal-UE jeħtieġ li jikkunsidraw l-agrikoltura fl-UE u fir-reġjuni ultraperiferiċi tagħha fid-dawl tal-importanza u tad-diversità ta' prduzzjonijiet tas-settur, u jindirizzaw dan tal-aħħar lejn reżiljenza akbar f'termini kemm ekonomiċi kif ukoll ambjentali, b'attenzjoni partikolari fuq is-sovranità alimentari; jenfasizza wkoll li r-rieżami u r-riorganizzazzjoni tal-politika kummerċjali tal-UE, li s-settur ilu snin sħaħ jitlob, ir-riforma mħabbra tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, dment li kull membru jkun konformi magħha, u r-riorganizzazzjoni fundamentali tal-ftehim UE-Mercosur huma indispensabbli u jistgħu u għandhom jippermettu difiża aħjar tal-mudell agrikolu Ewropew u tal-interessi tal-bdiewa Ewropej;

11. Jisħaq fuq l-importanza li tkun issalvagwardjata l-kwalità, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-mudell agrikolu tagħna, billi jiġi mtenni b'mod qawwi li l-prodotti agrikoli u agroalimentari li jidħlu fis-suq Ewropew iridu jkunu konformi bis-sħiħ mar-regoli ambjentali u soċjali tal-UE u mal-istandards għoljin li l-UE tirrikjedi mill-bdiewa tagħna, bil-għan li s-settur agrikolu tagħna jitħares mill-kompetizzjoni żleali; jenfasizza li bħalissa din il-konformità hija dubjuża minħabba l-assenza fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE mal-pajjiżi terzi ta' klawżoli ta' applikazzjoni diretta li jirrikjedu standards soċjali u ambjentali simili għal dawk Ewropej;

12. Jinsisti li għandhom jiġu stabbiliti kontrolli frekwenti u bir-reqqa biex jiggarantixxu l-konformità tal-prodotti li jkunu ġejjin mill-pajjiżi terzi; jisħaq, għalhekk, fuq il-bżonn ta' koerenza u sinerġija ta' vera bejn il-politika kummerċjali u l-politika ta' żvilupp u l-politika agrikola u l-politika alimentari tagħna, inkluż il-bżonn li jitrawmu kooperazzjoni regolatorja internazzjonali u politika kummerċjali attiva u sostenibbli; jinsisti fuq il-bżonn li jinħolqu inċentivi qawwijin għall-pajjiżi terzi biex jirrispettaw l-

istandards tal-UE; jevidenzja, f'dan ir-rigward, li l-kummerċ irid ikun ibbażat fuq regoli bbilanċjati, ġusti u trasparenti biex ikun evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni; jenfasizza li l-kunċett ta' awtonomija strateġika ma għandux iwassal għall-protezzjoniżmu;

13. Jisħaq fuq il-bżonn ta' katina tal-provvista totalment trasparenti biex tiggarantixxi r-rispett tal-istandards tal-UE u toffri livell għoli ta' informazzjoni lill-konsumaturi; jilqa' pożittivament l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel il-konformità mal-Ftehim ta' Pariġi "klawżola essenzjali" fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE; jissottolinja li, biex ikunu eżegwibbli, l-objettivi ambjentali tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE, speċjalment dawk relatati mal-kummerċ ta' prodotti agrikoli, iridu jkunu ċari, kwantifikabbli, verifikabbli u bbażati fuq valutazzjonijiet *ex ante* tal-impatt għas-sostenibbiltà sodi, trasparenti u inklużivi; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiddjaloga mal-Parlament dwar it-titjib tal-implimentazzjoni u tal-eżekuzzjoni tal-kapitoli relatati mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli; ifakkar fl-impenn li ħadet il-Kummissjoni bl-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" biex issostni t-tranżizzjoni globali lejn sistema agroalimentari sostenibbli, partikolarment billi tħabrek biex tikseb impenji ambizzjużi min-naħa tal-pajjiżi terzi f'oqsma kruċjali, bħat-trattament xieraq tal-annimali, l-użu ta' pestiċidi u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi;

14. Jisħaq li l-implimentazzjoni tal-inizjattivi u tar-rekwiżiti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ma għandhomx iwasslu għar-rilokalizzazzjoni tal-produzzjoni agrikola u tal-forestrija f'pajjiżi terzi, fatt li jkollu impatt negattiv fuq l-ambjent u l-klima; jenfasizza li l-UE għandha tippromwovi standards ambjentali għoljin u tiġġieled kontra d-deforestazzjoni permezz tal-politika kummerċjali tagħha, f'konformità mal-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku u mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja[1];

15. Ifakkar ukoll fil-wegħda tiegħu li jappoġġa lill-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, il-ktajjen tal-provvista qosra, l-agroekoloġija, u l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità;

16. Jilqa' l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani, għall-protezzjoni kontra l-akkwiżizzjoni predatorja ta' intrapriża tal-UE mdgħajfa bħala riżultat tal-pandemija;

17. Jenfasizza l-importanza ġenerali ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-esportazzjoni tal-Ewropa u jiġu żgurati l-istabbiltà u s-sigurtà tan-network tal-produtturi tagħna, li jirrikjedi progress f'termini ta' leġiżlazzjoni fil-livell Ewropew, armonizzazzjoni u implimentazzjoni rapida, kif qed jinkiseb permezz tad-direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina alimentari[2]; jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda rrappurtata fil-prattiki kummerċjali inġusti matul il-pandemija; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-applikazzjoni tad-direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti mill-Istati Membri;

18. Jenfasizza l-utilità ta' korsiji ħodor u linji gwida għall-ħaddiema staġjonali bħala mezz

[1] Testi adottati, P9_TA(2020)0212.
[2] Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59).

bikri biex jinżamm il-funzjonament tas-suq intern matul il-pandemija; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-projbizzjonijiet fuq id-dħul relatati mal-COVID-19 imposti fuq pajjiżi terzi ma jaffettwawx il-fluss ta' oġġetti minn Stat Membru għal ieħor meta rotta ta' tranżitu tgħaddi minn pajjiż terz; jinnota li l-pandemija wasslet għal aktar tfixkil fil-kummerċ għall-pajjiżi u t-territorji tal-UE li mhumiex konnessi mal-Ewropa kontinentali u li jridu jiġu investigati soluzzjonijiet biex dan jiġi evitat fil-futur; ifakkar li l-proċess ta' ttestjar frammentat għas-sewwieqa tat-trakkijiet fi tranżitu bejn l-Istati Membri wassal għal dewmien sinifikanti fil-fruntieri; jilqa' t-taffija tar-rekwiżiti għal ċertifikati stampati li jakkumpanjaw il-vjeġġi ta' prodotti tal-ikel matul il-pandemija tal-COVID-19, u jitlob li ċertifikati diġitali jiġu aċċettati b'mod permanenti;

19. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat li ma jinħoloq jew jinżamm l-ebda ostaklu ġdid għall-kummerċ mal-eqreb sħab kummerċjali ta' pajjiżi terzi bħala riżultat tal-pandemija;

20. Jenfasizza li filwaqt li l-Istati Membri għandhom jippreservaw iċ-ċirkolazzjoni libera, b'mod partikolari, ta' mediċini, tagħmir mediku, prodotti tal-ikel essenzjali u li jitħassru malajr u bhejjem, xi qsim tal-fruntieri ma ppermettiex li t-trasport tal-annimali jingħata prijorità u vetturi b'ġarr tal-bhejjem li ġejjin minn żoni ta' riskju għoli ma tħallewx jidħlu f'żoni oħra, biex b'hekk l-annimali ttrasportati ġew soġġetti għal għexieren ta' kilometri ta' kjuwijiet twal u tbatija bla bżonn; jitlob regoli infurzabbli li jirrikonoxxu s-sitwazzjoni dejjem aktar prekarja tat-trasport tal-annimali ħajjin matul pandemiji żoonotiċi, kif ukoll għat-tħejjija ta' pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' avveniment mhux previst bħall-għeluq tal-fruntieri;

21. Jisħaq fuq il-ħtieġa, parzjalment minħabba t-tfixkil fil-ktajjen tal-produzzjoni globali u ż-żieda fil-volatilità tal-prezzijiet ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, li tiġi żviluppata awtonomija strateġika miftuħa għall-UE bil-għan li jiġi żgurat l-aċċess għas-swieq ewlenin u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti kritiċi bħal sorsi ta' proteini bbażati fuq il-pjanti; itenni li s-sistemi agroalimentari jeħtiġilhom jiġu rikonoxxuti bħala aspett kruċjali tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE biex tiġi żgurata disponibbiltà suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità tajba u biex jinżammu ktajjen tal-provvista tal-ikel u flussi kummerċjali reżiljenti u li jiffunzjonaw matul kriżijiet futuri, skont l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq li l-pandemija tal-COVID-19 żvelat il-ħtieġa għal trasformazzjoni radikali tas-sistema alimentari kollha kemm hi, sabiex jiġu żgurati sigurtà usa' tal-provvista tal-ikel u prezzijiet lokali stabbli, b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, abbażi tal-prinċipji tas-sovranità tal-ikel, u sabiex jiġu indirizzati l-prattiki kummerċjali inġusti għal dawk li jinsabu aktar 'l isfel fil-katina alimentari;

22. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u t-traċċabbiltà fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u l-epidemiji żoonotiċi, u jitlob li l-UE tkun minn ta' quddiem fit-tikkettar tal-oriġini tal-prodotti agroalimentari;

23. Jisħaq li l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-vulnerabbiltà tal-katina tal-provvista globali, b'mod partikolari tal-ikel u s-saħħa, u l-ħtieġa li jinbnew ktajjen reġjonali ta' valur u tingħata spinta lill-integrazzjoni reġjonali; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rispettat il-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp biex jiġi żgurat li l-esportazzjonijiet Ewropej ma jfixklux l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali; jitlob għall-prijoritizzazzjoni, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-pajjiżi terzi, tal-produzzjoni u tal-konsum tal-

ikel lokali li tiżgura l-ħolqien tal-impjiegi lokali, tiggarantixxi prezzijiet ġusti għall-produtturi u l-konsumaturi, u tnaqqas id-dipendenza tal-pajjiżi fuq l-importazzjonijiet u l-vulnerabbiltà tagħhom għall-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet internazzjonali;

24. Ifakkar li l-interruzzjonijiet ikkawżati mill-COVID-19 enfasizzaw id-diffikultà li jinżammu ktajjen tal-provvista twal u l-merti ta' bidla lejn ktajjen tal-provvista iqsar, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur tal-bhejjem u d-dipendenza tiegħu fuq it-trasport fit-tul tal-għalf u tal-annimali; jinnota li, minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiffaċilita t-trasport tal-annimali permezz tal-użu ta' "korsiji ħodor", l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport[3] ma setgħetx tiġi żgurata fis-sitwazzjoni epidemika li qed tevolvi rapidament, u b'hekk tqiegħed it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa tas-sewwieq f'riskju;

25. Jisħaq fuq il-ħtieġa li wieħed jitgħallem mill-pandemija, jidħol f'dibattitu ta' wara t-tkabbir u jipprijoritizza l-ktajjen tal-provvista sostenibbli; jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 uriet il-vulnerabbiltà estrema tal-ekonomija globalizzata u għandha impatt bla preċedent fuq il-kummerċ globali u reġjonali fl-ikel u l-prodotti agrikoli; jenfasizza l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-setturi agrikoli tal-UE li huma dipendenti fuq provvisti minn pajjiżi terzi, u għalhekk jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-ktajjen tal-provvista iqsar, b'mod partikolari għall-inputs, in-networks tal-ikel lokali u l-bejgħ dirett, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju speċjalment għall-produtturi żgħar u ta' daqs medju;

26. Jenfasizza l-importanza tal-effett katalitiku li l-kriżi tal-COVID-19 kellha fuq il-kummerċ-e fis-settur agroalimentari, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kummerċ-e jkun strument pożittiv u stimulanti li ma jiġġenerax żbilanċi fil-katina tal-provvista, peress li l-kumpaniji tal-kummerċ-e qed jippożizzjonaw lilhom infushom bħala attur addizzjonali;

27. Jifhem għal kollox il-ħtieġa li l-agrikoltura Ewropea tiġi ttrasformata u titmexxa lejn produzzjoni li tirrispetta aktar l-ambjent; jinsab imħasseb serjament, madankollu, li l-għanijiet ambizzjużi tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u dwar il-Bijodiversità għall-2030, kif ukoll il-kundizzjonalità estiża tal-pagamenti diretti taħt il-Pilastru I tal-PAK, fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt, flimkien ma' tnaqqis sinifikanti fil-baġit tal-PAK fil-perspettiva finanzjarja li jmiss tal-PAK, joħolqu riskji kbar għall-introjtu bażiku, speċjalment għall-azjendi agrikoli rurali żgħar, u għall-volum globali tal-produzzjoni agrikola fl-UE;

28. Jinnota f'dan il-kuntest, li l-produzzjoni agrikola tal-UE, imtaqqla b'rekwiżiti ġodda ambjentali, klimatiċi u dwar it-trattament xieraq tal-annimali, tista' ma tiflaħx għall-kompetizzjoni tas-suq ħieles minn prodotti minn pajjiżi mhux tal-UE fejn il-produtturi tagħhom mhumiex imtaqqla bl-istess mod mir-rekwiżiti tal-produzzjoni u li spiss jistgħu joffru dumping tal-prezzijiet tal-bejgħ; jisħaq, għalhekk, li l-istabbiliment ta' miri ambizzjużi ġodda ta' tnaqqis għas-settur agrikolu fl-Istati Membri f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun preċedut mill-implimentazzjoni ta' investiment u teknoloġija adatti li

---

[3] Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u operazzjonijiet relatati (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

jiżguraw l-istabbiltà u l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 11.5.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 6<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Martin Häusling, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Colm Markey, Alin Mituța, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Maxette Pirbakas, Eugenia Rodríguez Palop, Bronis Ropė, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Manuel Bompard, Emmanouil Fragkos, Pär Holmgren |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 37 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Emmanouil Fragkos, Krzysztof Jurgiel, Veronika Vrecionová |
| ID | Mara Bizzotto, Angelo Ciocca, Gilles Lebreton, Maxette Pirbakas |
| NI | Dino Giarrusso |
| PPE | Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik |
| Renew | Atidzhe AlievaVeli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Alin Mituța, Ulrike Müller |
| S&D | Clara Aguilera, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno |

| 6 | - |
|---|---|
| ID | Ivan David |
| Verts/ALE | Benoît Biteau, Martin Häusling, Pär Holmgren, Bronis Ropė, Sarah Wiener |

| 3 | 0 |
|---|---|
| The Left | Manuel Bompard, Luke Ming Flanagan, Eugenia Rodríguez Palop |

Tifsira tas-simboli użati:
\+ : favur
\- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.5.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 3<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Miroslav Číž, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Helmut Scholz, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Sergio Berlato, Jean-Lin Lacapelle, Morten Løkkegaard |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 29 | + |
|---|---|
| NI | Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Barry Andrews, Jordi Cañas, Karin Karlsbro, Morten Løkkegaard, Samira Rafaela, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Miroslav Číž, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Bernd Lange, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt |
| Verts/ALE | Markéta Gregorová, Heidi Hautala, Sara Matthieu |

| 3 | - |
|---|---|
| ID | Roman Haider, Maximilian Krah |
| PPE | Jörgen Warborn |

| 9 | 0 |
|---|---|
| ECR | Sergio Berlato, Geert Bourgeois, Emmanouil Fragkos, Dominik Tarczyński |
| ID | Herve Juvin, Jean-Lin Lacapelle, Danilo Oscar Lancini |
| The Left | Emmanuel Maurel, Helmut Scholz |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni